L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA

L-EZAMI TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

# IL-MALTI

MEJJU 2016

# IR-RAPPORT TAL-EZAMINATURI

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U

TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

# IR-RAPPORT TAL-EZAMINATURI TAL-MALTI
# FIL-LIVELL TAC-CES
# MEJJU 2016

## Introduzzjoni

Il-kummenti ġenerali kollha li ntgħamlu s-sena l-oħra japplikaw ukoll għal din is-sena.

Il-bord tal-eżaminaturi tal-Malti fil-livell taċ-ĊES kien magħmul minn *chairperson*, tliet *setters*, *reviewer*, 25 *marker*, u reviżur – kollha ġejjin minn naħiet differenti tal-edukazzjoni. B'tim bħal dan, kull stadju fil-proċess tal-eżami seta' jsir bil-galbu ħalli jagħmel ġustizzja mal-kandidati.

## Statistika tar-riżultat

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-gradi għal Mejju 2016, u wieħed jista' jqabbilhom ma' dawk tas-sena l-oħra.

| Grad | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PAPER A | 95 | 417 | 589 | 684 | 434 | | | 244 | 12 | 2475 |
| PAPER B | | | | 181 | 320 | 291 | 138 | 660 | 101 | 1691 |
| Numru ta' Kandidati | 95 | 417 | 589 | 865 | 754 | 291 | 138 | 904 | 113 | 4166 |
| % tat-TOTAL | 2.28 | 10.01 | 14.14 | 20.76 | 18.10 | 6.99 | 3.31 | 21.70 | 2.71 | 100 |

It-tabella turi li 75.6% tal-kandidati kienu ċertifikabbli u li 65.3% ġabu minn Grad 1 sa Grad 5.

## L-Ewwel Karta

L-istudju tal-Malti f'dan il-livell għandu jwassal lill-kandidati biex iħaddmu l-lingwa b'mod indipendenti u profiċjenti. Ħakma tajba tfisser li jifhmu u jikkomunikaw b'mod produttiv u effiċjenti, u japprezzaw sfumaturi differenti ta' tifsir. U b'dawn il-ħiliet jaslu jiktbu kulma jkollhom bżonn fis-soċjetà adulta: komponimenti immaġinattivi, esejs ta' diskussjoni, artikli ta' tagħrif b'arranġament ta' dettall, taqsiriet li jisiltu l-essenzjal ta' xi silta twila, deskrizzjonijiet preċiżi, rapporti meqjusa, ittri u *emails* formali b'messaġġi, u kull kitba kontinwa li jeħtieġu fid-dinja tal-lum. L-għarfien tal-grammatika jgħin f'dan il-proċess kollu biex l-istudenti jkollhom livell akkademiku xieraq fil-kitbiet kollha tagħhom. Meta ngħidu "livell xieraq" nifhmu l-livell tal-Form 5 li jħaddan fih l-użu funzjonali tal-lingwa li titqies bħala strument ta' interazzjoni soċjali. Dan l-eżami, għalhekk, jistenna li l-kandidati jinqdew bil-lingwa b'mod effiċjenti sabiex jikkomunikaw ma' ħaddieħor f'ambjent uman.

### L-Ewwel Karta – L-Oral

L-Oral tal-Malti fil-livell taċ-ĊES jeżamina l-ħiliet tal-Malti fl-istat ta' produzzjoni, fl-istat riċettiv, u fl-istat interattiv. Wara ftit minuti ta' preparazzjoni l-kandidati riedu jaqraw b'vuċi għolja silta mhux letterarja ta' madwar 80 kelma, jisimgħu silta oħra ta' 100 kelma (moqrija mill-eżaminatur) u jwieġbu xi mistoqsijiet tax-xejra *multiple choice* fuqha, imbagħad jidħlu f'żewġ diskussjonijiet fuq temi kurrenti u kulturali mal-eżaminatur. Dan ifisser li l-kandidati riedu jitkellmu l-ħin kollu matul l-eżami tal-oral.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-kandidati marru tajjeb ħafna u kisbu marki xierqa. Fl-Oral, il-kandidati jridu juru li huma għandhom ħila għal ftit minuti jitkellmu bil-Malti biss u b'mod relevanti mingħajr l-għajnuna ta' xi lingwa oħra.

## L-Ewwel Karta – Il-Kitba

### L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment

Il-kandidati ngħataw erba' suġġetti biex jagħżlu wieħed u jiktbu 350 kelma fuqu. Xi suġġetti setgħu jingħataw xejriet differenti.

Xi kandidati m'għandhomx ħila jagħrfu x-xejra tal-komponiment, u titlu bħal "Il-ħbiberija" żviluppawh f'esej narrattiv. F'każijiet bħal dawn il-kandidati jitqiesu li jkunu ħarġu 'l barra mis-suġġett u jitilfu ħafna marki.

*Kummenti ġenerali*

Kien hemm xi kandidati li taw esejs tajbin: jiġifieri, kellhom (a) ideat relevanti li jintrabtu ma' xulxin, (b) użu ta' Malti xieraq li joqgħod sew għar-regoli tas-semantika, tas-sintassi, tal-morfoloġija, u tal-ortografija, (ċ) għażla effettiva ta' vokabularju (dawn il-kandidati ħaddmu l-kliem importat mill-Ingliż b'mod effiċjenti), u (d) tħaddim ta' lingwa addattata stilistikament. Imma kien hemm bosta kandidati li kellhom xi aspetti minn dawn li semmejna nieqsa. Madankollu, il-maġġoranza kienu *average*; jiġifieri kienu koerenti u ċari u għalkemm kellhom xi difetti u żbalji, in-nuqqasijiet ma tellfux l-espressjoni tal-kandidati.

Ir-regoli tal-kitba jinkludu t-tħaddim tal-punteġġjatura siewja li turi ftit mill-mod tal-ħsieb tal-kittieb. Bosta skripts ta' din is-sena kellhom punteġġjatura nieqsa, traskurata, jew żbaljata; u ħafna tilfu l-marki minħabba f'hekk.

Kien hemm xi kandidati li ma kinux jafu jqassmu l-ideat f'paragrafi u spiċċaw kitbu l-komponiment f'paragrafu wieħed. Dawn ġew ippenalizzati għax it-tqassim xieraq u l-irbit f'waqtu tal-ideat huma karatteristiċi ta' kitba tajba f'komponiment – karatteristiċi li l-*fifth formers* iridu jkunu rawmu sew bħala ħila. Kandidat li f'dan l-eżami ma jafx iħaddem introduzzjoni u konklużjoni xierqa qatt ma jista' jasal biex itella' ħafna marki f'dan il-komponent.

Il-kandidati ta' dan l-eżami jeħtieġ jiktbu b'Malti standard, xieraq għal eżami pubbliku. Dan ifisser li l-kitba tal-esej m'għandux ikollha elementi kollokjali u djalettali – dawn l-elementi però jistgħu jintużaw f'xi konverżazzjoni tal-esej narrattiv jekk ikunu jridu juru xi aspett tal-karatterizzazzjoni.

It-tul tal-esej (madwar 350 kelma) għandu jinżamm minn kulħadd; dawk li żammewh qasir ħafna tilfu l-marki. Oħrajn qagħdu jirrepetu l-ideat jew qagħdu jduru mal-lewża biex itellgħu l-għadd meħtieġ: dan fl-eżami jitqies diskors fil-vojt li ma jmexxix l-iżvilupp tal-ideat tal-esej u għaldaqstant il-markers ma setgħux jippremjaw dan it-tip ta' kitba. Huwa importanti li l-kandidati jiktbu n-numru ta' kliem li jużaw wara l-esej .Fil-Malti l-kliem li jintrabat b'sing jgħodd b'kelma waħda: eż. "għall-iskola" hija kelma waħda.

F'dawn il-kummenti ta' hawn fuq hawn tifsira ta' xi jrid ikollu komponiment tajjeb f'dan l-eżami u x'ma jridx ikollu. Jeħtieġ jintqal ukoll li kien hemm bosta komponimenti li l-markers ma setgħux jifhmuhom sew u wieħed kellu jaqrahom u jerġa' jaqrahom biex forsi jifhem xi ħaġa. Dan mhux minħabba l-*handwriting*, imma minħabba espressjoni fqira ħafna u ambigwitajiet sintattiċi li dewdu l-komponimenti.

L-aktar komponiment li ntgħażel kien it-tielet wieħed u l-inqas l-ewwel wieħed. Hawnhekk se jingħataw xi eżempji ta' ideat mill-esejs li ppreżentaw il-kandidati ta' din is-sena sabiex il-qarrejja jkollhom ħjiel ta' x'inhuma ideat tajbin f'dan il-livell u x'inhuma ideat inaċċettabbli.

Fl-ewwel esej li kien argumentattiv, fost l-ideat li l-kandidati kitbu nsibu li mingħajr fruntieri u passaporti d-dinja tkun villaġġ wieħed, ikollha aktar opportunitajiet ta' moviment minn pajjiż għal ieħor kemm għal xi btala u kemm għal xi xogħol, ikollha aktar għarfien ta' kulturi u tradizzjonijiet ta' pajjiżi differenti, u jkollha aktar opportunitajiet biex il-pajjiżi jaqsmu r-riżorsi naturali tagħhom ma' dawk il-pajjiżi li m'għandhomx dawn ir-riżorsi. Fost vantaġġi oħra ssemmew li n-nies ma jibqgħux mifrudin fuq bażi ta' razza jew kulur, l-ekonomija tkun ħafna aktar b'saħħitha minħabba li l-esportazzjoni tkun aktar faċli u ħafna oġġetti li qabel kienu jiswew ħafna jitnaqqsu fil-prezz, il-postijiet fejn in-nies ibatu bil-ġuħ ikunu aktar aċċessibbli u b'hekk

tista' tingħata aktar għajnuna. Kien hemm wieħed kiteb li "It-tneħħija tal-fruntieri u l-passaporti tfisser ħelsien" u jitnaqqsu l-gwerer. F'komponiment partikolari ieħor kandidat esprima wkoll il-ħsibijiet tiegħu metaforikament, u qal: "Anke aħna fill-ħajja ta kulljum niltaqaw ma fruntieri fejn irridu nuwru li nistaw nagħdu, ezempju huwa tal-ezamijiet li tigi fruntier biex inkomplu nistudjaw għax-xogħol li nixtiequ, anke biex insibu xogħol tista tkun fruntier għaliex hemm ċertu affarijiet li trid tagħmel min qabel."

Fuq in-naħa negattiva l-kandidati semmew li bla fruntieri u passaporti fil-pajjiżi jidħlu nies li jkunu kriminali jew terroristi u l-pajjiż ma jkunx jaf bihom; ikun hemm ukoll influss ta' immigranti illegali li jidħlu fil-pajjiżi u jieħdu x-xogħol tan-nies tal-lokal. Fost żvantaġġi oħra li ssemmew kien hemm li jkun hemm aktar traffikar ta' drogi, persuna li tkun imfittxija ma tinstabx malajr, ikun hemm aktar xiri bil-kuntrabandu, u jekk jitneħħew il-fruntieri ma tistax tagħmel distinzjoni bejn art u oħra. Kien hemm kandidat li kiteb hekk: "Li kieku ma jeżistux fruntieri, aħna inkun kollha ngħixu fl-istess pajjiżi għaliex ma jkunx hemm distingwinzjoni minn pajjiż għall-ieħor. Ovvjament ma dan jinħolqu ħafna gwerrer għaliex ħadd mhu ħa jċedi artu...kull pajjiż jitlef l-identità tiegħu." Ieħor qal li "Din id-deċiżjoni tistgħa tagħti l-possibilità li razez u nazzjonijiet differenti jitħaltu iktar min qatt qabel u dawn iwassal għal telf tas-sens ta' nazzjonaliżmu."

Xi wħud ma għarfux id-differenza bejn fruntieri u passaporti, u bosta kienu dawk li dehru li ma jafux x'inhu jiġri fid-dinja tal-lum. Kien hemm ukoll min qal li l-passaporti tixtrihom mingħand l-aġenzija tal-ivvjaġġar. Min-naħa l-oħra, kien hemm kandidati li wrew li jafu d-differenza iżda baqgħu jispjegaw x'inhuma l-fruntieri u l-passaporti u ma kitbux dwar kif tkun id-dinja mingħajrhom – jiġifieri – tieni parti tal-esej ma ttrattawhiex. Oħrajn ma fehmux sewwa t-titlu tal-esej u fosthom kien hemm dawk li fehmu li l-kelma "fruntieri" tirreferi għal "dawk in-nies li jiċċekkjaw il-passaport", jiġifieri ma kinux jafu x'inhuma fruntieri.

It-tieni titlu kien popolari mal-kandidati. Kien hemm kandidati li wrew ħila kbira fid-deskrizzjoni tal-pjazza, u l-importanza tagħha fil-ħajja ta' kuljum tal-belt jew raħal u għar-residenti tagħhom. Dan it-titlu kellu jinftiehem hekk: "Il-pjazza (tal-belt jew raħal) fejn noqgħod" – jiġifieri, id-deskrizzjoni kellha tkun tal-pjazza. Imma bosta fehmuh hekk: "(Il-pjazza tal-belt) jew (raħal fejn noqgħod)" – u kitbu fuq ir-raħal (mhux fuq il-pjazza). Din it-tieni interpretazzjoni hija żbaljata għax it-tieni parti ma tibdiex bl-artiklu (i.e. mhijiex "ir-raħal fejn noqgħod"), u għaldaqstant min kiteb biss fuq ir-raħal (u mhux fuq il-pjazza)ħareġ barra mis-suġġett, l-esej bata mill-irrelevanza, u tilef il-marki. Xi wħud kitbu kemm dwar il-pjazza ta' belt u kemm dwar il-pjazza ta' raħal fl-istess komponiment (bla ma taw kas il-"jew" tat-titlu). Kien hemm oħrajn li rrepetew l-istess ideat, u oħrajn li kitbu dwar il-pjazza tal-Belt Valletta avolja ma joqogħdux hemm. Xi kandidati qagħdu jqabblu u joħorġu d-differenzi bejn il-pjazza tal-Belt u l-pjazza ta' fejn joqogħdu; oħrajn kitbu komponiment sħiħ fuq il-Belt.

Fost dawk li wieġbu tajjeb kien hemm għadd ta' kandidati li taw deskrizzjonijiet interessanti tal-pjazza tar-raħal, anki bl-użu ta' sensi differenti biex jagħtu aktar ħajja lill-kitba tagħhom. Dehru li qed jiktbu mill-esperjenza u allura nisġu l-esej b'kunfidenza kbira. Ngħidu aħna, insibu r-riħa tal-pastizzi li jinbiegħu fil-pjazza ("iż-żewġ ħwienet jinstabu faċċata ta' xulxin u mit-tnejn tista xxomm riħa taqsamlek qalbek tal-pastizzi tant ifuħu u jqarmċu hekk kif tikolhom."); id-daqq tal-qniepen fil-festa; l-istorbju fil-pjazza; ir-riħa taqsam ġejja mill-vann tal-bejjiegħ tal-ħut; il-bejjiegħa varji li jimlew il-pjazza f'ħinijiet differenti tal-jum (tal-bigilla, il-landier, tal-pitrolju, eċċ.). Fost deskrizzjonijiet oħra nsibu wkoll dawk negattivi bħal din: "Madum maqluh, ħitan imqaxxrin u bankijiet migrufin....pjazza li għandha bżonn naqra rranġar u malajr." Ingħataw deskrizzjonijiet ta' knejjes biz-zuntier f'nofs il-pjazza, każini tal-baned u dawk politiċi, ħwienet ta' kull tip, bandli, ġnejna, u toroq dojoq li jinfdu mill-pjazza. Issemmew ukoll attivitajiet varji li jseħħu fil-pjazza bħas-suq, lejliet partikolari (Żejt iż-Żejtun, Casal Fornaro, eċċ.), il-festa bil-purċissjoni u l-baned, u t-tiżjin fi żmien il-Milied. Kien hemm kitbiet mexxejja u b'deskrizzjonijiet ħajjin tal-pjazza f'ħinijiet differenti tal-jum, fi staġuni differenti, u f'okkażjonijiet speċjali.

Kien hemm oħrajn li ħolqu kuntrast bejn il-pjazza kif kienet fl-imgħoddi u kif saret illum, b'emfasi fuq il-qerda tal-ambjent u l-aljenazzjoni tal-bniedem: "u l-pjazza tbattlet għax qatilha l-bniedem modern li ma japprezzax l-identità tiegħu. Imma moħħi għadu frisk u qatt m'jien ħa ninsa il-pjazza tar-raħal kif kienet fi żmieni." Kandidat partikolari kien kreattiv u fassal deskrizzjoni ddettaljata tal-pjazza minn perspettiva ta' salib fuq knisja. B'hekk ta deskrizzjoni tal-pjazza fl-imgħoddi b'kuntrast għal dik tal-lum: "kif kienet il-pjazza fl-imgħoddi bin-nies deħlin il-quddies u l-bejjiegħa... illum karozzi b'arja mdaħħna... u n-nies naqsu

mill-quddies." Kien hemm min issogra jidħol f'erja figurattiva b'sentenza espressiva bħal "il-pjazza tal-Belt hija bħaċ-ċentru ta' qalbi għaliex hija fejn joqogħdu l-familjari tiegħi".

Għalkemm dan it-titlu kellu skop deskrittiv, kien hemm min dawru għal wieħed narrattiv, u rrakkonta xi avventura li seħħet lilu fil-pjazza. Min irid idaħħal l-element narrattiv jeħtieġlu jara li dan l-element narrattiv jiddaħħal sew u b'mod xieraq fid-deskrizzjoni: id-deskrizzjoni trid tkun l-aspett ewlieni ta' esej bħal dan. F'dawn il-kitbiet kien hemm min semma l-isem tal-belt jew raħal fejn jgħix, kien hemm min niżżel raħal b'isem fittizju, u kien hemm min ma ta l-ebda isem. L-isem ma kienx importanti, imma fid-deskrizzjoni tal-pjazza għandha tingħaraf l-identità Maltija tal-post. Xi kandidati għalqu l-esej b'mod puwerili (eż. "għalhekk inħobbha l-pjazza tar-raħal tiegħi").

Fit-tielet esej, bosta kandidati taw rakkonti sbieħ u interessanti ħafna, u rrakkontaw dwar sitwazzjoni, ċirkostanza, jew avveniment meta ħadu xi ritratti u minn fost dawn ir-ritratti kien hemm wieħed partikolari li jfakkarhom f'xi ħadd, l-aktar li jkun miet, jew f'xi ħin speċifiku f'dawn il-ġrajjiet. L-esej seta' ttratta xi ġrajja, tifkira, esperjenza, jew attività. L-aħjar li marru kienu dawk li fir-rakkont ħarġu l-personalità ta' xi karattru li ssemma. Kien hemm aktar kandidati li s-sentenza tat-titlu spiċċaw biha milli bdew biha. Imma kien hemm min lanqas ta kas tas-sentenza u la beda u lanqas spiċċa biha; dawn ġew ippenalizzati għax ma obdewx l-istruzzjoni tal-eżami.

Kien hemm min tbiegħed mill-idea tar-ritratt u rrakkonta fid-dettall sitwazzjoni, ċirkostanza, jew avveniment bla ebda referenza għar-ritratt, u fl-aħħar qal li ħa ritratt li għadu jgħożżu sal-lum. Il-ġrajja rrakkontata trid turi l-atmosfera u/jew il-karattri tar-ritratt b'mod interessanti u li jintrigak fil-ħsieb. Ħafna jaħsbu li r-rakkont huwa l-eħfef esej li tista' tikteb; imma dan ir-rapport irid jemfasizza li esej narrattiv tajjeb irid ikollu plott minsuġa b'mod effiċjenti, introduzzjoni impenjattiva, karatterizzazzjoni almenu ta' karattru wieħed, żvilupp xieraq ta' atmosfera, (bħal kull għamla ta' esej ieħor) relevanza (i.e. joqgħod għat-titlu mogħti), u konklużjoni effettiva.

Ħafna kandidati rrakkontaw stejjer varji, min b'immaġinazzjoni u min b'fatti. Fosthom insibu stejjer ta' teħid ta' ritratt ma' xi ħadd/annimal li n-narratur kien iħobb, ma' xi ħadd magħruf (eż. attur, kantant/a, direttur tal-films, futboler) jew ma' xi ħadd li kien għal qalbu u miet wara ftit. Kultant insibu sitwazzjoni ta' ritratt meħud waqt li faqqgħet sajjetta wara n-nies tal-ġrajja jew waqt li kienu se jaqgħu ġo xmara. Oħrajn kienu aktar immaġinattivi u ppreżentaw rakkont fejn il-kandidat kellu l-marda tal-lukimja u ħa ritratt mad-donatur tal-mudullun jew fejn il-familja tal-kandidat iffosterjaw tifla li wara li rabtu qalbhom magħha ġew għaliha u ħaduha l-ġenituri bijoloġiċi tagħha (b'hekk in-narratur baqa' jgħożż ir-ritratt li kien ħa magħha qabel telqet). Kandidata partikolari rriflettiet fuq ir-ritratt innifsu, u stqarret li "Minkejja li dak ir-ritratt ifakkarni f'memorji koroh, xorta waħda nibqa' ngħożżu għaliex huma dawk l-memorji li jsaħħu l-karattru tiegħi u jgħinuni biex nibqa' soda u nimxi l-quddiem."

Sitwazzjonijiet oħra li l-kandidati tkellmu fuqhom jinkludu: ritratt ta' missier qabel telaq għall-gwerra; ritratt mogħti b'tifkira f'pendent; ritratt ma' ħabiba qabel ma kellha inċident; ritratt meħud waqt spedizzjoni fuq l-Everest; ritratt ta' suċċess sportiv; ritratt ta' esperjenza fil-missjoni; l-ewwel ritratt mal-maħbub/a; ritratt ta' jum il-gradwazzjoni; ritratt mal-klassi tal-ħames sena; ritratt mal-Papa. L-oriġinalità dehret f'dak l-esej narrattiv li nbena fuq *flashback* ta' ritratt li nstab f'armarju. Insibu wkoll esejs li nxteħtu fuq il-fantasija (eż. in-narratur iltaqa' ma' *snowman* li ħa l-ħajja u kien iżommu fil-friġġ u ħa ritratt miegħu) – f'dan il-każ, l-aspetti kollha tat-titlu xorta jridu jiġu ttrattati għax inkella jintilfu l-marki.

Mill-banda l-oħra, kien hemm komponimenti li kienu neqsin mill-kreattività u għafsu fuq dettalji li ma kinux relevanti. Pereżempju, għadd ta' kandidati kitbu dwar safra li matulha qattgħu numru ta' ġranet jiddevertu u jżuru postijiet ta' interess, imbagħad sabiex jorbtu mas-suġġett tat-titlu ħolqu sitwazzjoni biex jissemma t-teħid tar-ritratt, imma l-komponiment l-aktar li għafas fuq il-ġranet tal-ġita. Oħrajn ikkonċentraw fuq ħarġa jew barbikju mal-ħbieb fil-kampanja bla ma taw importanza lir-ritratt. Kien hemm oħrajn li ffukaw fuq aktar minn ritratt wieħed, filwaqt li oħrajn temmew il-komponiment bis-sentenza mogħtija imma fl-ebda mument ma ssemma li kien ittieħed ir-ritratt. Oħrajn injoraw il-kelma importanti "ngħożżu", u għalhekk l-esej kien nieqes għax ma ttrattax l-aspetti kollha tat-titlu mogħti. Kien hemm ukoll min ma tax kas tas-silta r-"ritratt li ħadna dakinhar" u qal li sab ritratt barra u bena l-komponiment fuqu. Il-kandidati ta' dan l-eżami mistennija li jiddiljaw mal-aspetti kollha tat-titlu mogħti u dan ix-xogħol jitlob qari bir-reqqa.

Il-kandidati li għażlu r-raba' titlu ħarġu b'ideat varji. Il-biċċa l-kbira kitbu dwar kif jaħsbu li għandha tkun il-ħbiberija, bil-vantaġġi u bl-iżvantaġġi tagħha; jiġifieri, spjegaw fid-dettall kemm dawk il-karatteristiċi ewlenin li jagħmlu ħbiberija vera u soda u kemm dawk il-karatteristiċi li ma jagħmlux parti mill-ħbiberija, fosthom l-għira. Kien hemm min saħansitra saħħaħ l-argumenti tiegħu b'xi esperjenza personali bla ma daħal f'ħafna dettalji żejda (u sewwa għamel għax inkella kien joħroġ barra mis-suġġett). Uħud taw eżempji u ċirkostanzi meta l-ħbieb jistgħu jagħmlulek ħajja aħjar jew jirrovinawhielek. Oħrajn irreferew għal xi esperjenzi personali u emfasizzaw kemm l-għira tista' twassal sabiex ħbiberija b'saħħitha eventwalment tiddgħajjef jew tintemm.

Inħarġu ħafna punti interessanti, b'distinzjoni bejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-ħbiberija. Fuq in-naħa tal-vantaġġi ssemmew il-valuri tal-ħbiberija bħar-rispett, l-imħabba, il-lealtà, l-onestà, u l-fiduċja. U ssemmew kif il-ħbiberija vera twassal għal sagrifiċċji miż-żewġ naħat u kif il-*Facebook* jista' jgħin biex jiżdied l-għadd ta' ħbieb. Għal ħafna, il-ħbiberija tfisser li ma tibqax waħdek għax ikollok ma' min tiftaħ qalbek u jkollok ma' min tiddeverti, u l-ħbiberija tista' twassal għal xi relazzjoni serja. Fuq in-naħa tal-iżvantaġġi, l-aktar li ssemmew kienu l-għira u l-kompetizzjoni. It-tema tal-*peer pressure* ġiet ittrattata f'bosta komponimenti. Kien hemm min għafas fuq il-pressjoni żejda mill-ħbieb, l-aktar meta jressquk għal xi vizzji bħax-xorb, tipjip, u drogi. Il-ħbiberija taf twasslek fil-għali jekk tiġġieled ma' xi ħadd li tkun ftaħt qalbek miegħu qabel għax dan jaf jikxiflek għawarek. Kien hemm min tkellem ukoll fuq xi jwassal tmiem ta' ħbiberija.

F'dan il-komponiment kien hemm ukoll min iffoka fuq it-tipi differenti ta' ħbiberija: mal-ġenituri, mal-aħwa, mal-ħbieb tal-iskola, mal-kollegi tax-xogħol, ma' xi bejjiegħa, ma' nies li tiltaqa' magħhom waqt ħin id-divertiment, ma' *penfriends*, ma' nies li ssir tafhom fuq il-*Facebook*, ma' annimali, u ma' Alla. Fost oħrajn nistgħu nsemmu dawn l-eżempji: "Hemm differenza bejn relazzjoni ta' ħbiberija ma tal-ħut jew tal-ħaxix u dik ma oħtok jew ħabiba viċin tiegħek"; u "Il-ħbiberija tista tkun ukoll waħda spiritwali, ir-relazzjon bejnek u bejn Alla tista tkun waħda ta' ħbiberija." Oħrajn daħlu fl-għażla tal-ħbieb skont etajiet differenti, u l-għażla tal-ħbieb skont il-kulur tal-ġilda, idea li wasslithom għad-diskriminazzjoni: "Ħafna ħbieb illum jibbażaw fuq il-kulur tal-ġilda ta' ħadd ieħor u jekk għal-mod tal-kelma jkun skur niddiskrimawh min mal-klikka."

Issemma l-bżonn li l-ħbieb ikollhom l-istess interessi tiegħek. Kien hemm min iffoka fuq it-tipi ta' ħbiberiji li esperjenza f'ħajtu. Imma kien hemm ħafna kandidati li l-ħbiberija ħaduha li setgħu jiktbu fuq xi ħabib jew ħabiba; kien hemm ukoll min ippreżenta rakkont tal-ħbiberija tiegħu (kif iqatta' l-ħin ma' ħbiebu): dan ma kienx l-iskop ta' dan l-esej espożitorju.

Ma naqsux għadd ta' qwiel u idjomi biex jikkumplimentaw dan is-suġġett: "Il-ħbieb sal-bieb", "Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq", u "Ħadd ma jaħsillek wiċċek biex tkun aħjar minnu". Kien hemm kandidat li qabbel il-ħbiberija ma' kont bankarju: "Iżda l-ħbiberija qisha kont bankarju, ma tistax tieħu biss trid tiddepożita ukoll." Filwaqt li kandidat ieħor stqarr li "Mal-warda sabiħa tal-ħbiberija, wieħed irid ikun lest għax-xewka." Saħansitra kien hemm min temm il-komponiment b'parir: "Meta xi ħadd minn sħabek jagħmel xi pressjoni fuqek, speċjalment dik negattiva, ipprova evitah. Hemm persuni li spiċċaw f'xi vizzji jew f'xi sitwazzjoni terribli minħabba l-ħbieb li kienu jagħmluha magħhom."

*L-użu tal-lingwa fil-kitba tal-kandidati*

Kull sena l-markers qegħdin iħabbtu wiċċhom mal-istess nuqqasijiet fil-kitba tal-Malti.

1. Il-punteġġjatura:
Ħafna huma dawk li m'għandhomx idea ta' punteġġjatura. Kien hemm bosta eżempji ta' sentenzi twal mingħajr il-*full stop*.

2. L-iżbalji ortografiċi
Il-markers kollha kkummentaw fuq l-għadd kbir ta' *spelling* ħażin f'kull parti tal-eżami. Instabu wkoll każijiet ta' kkupjar ħażin (eż. "rittrat", 'ħbieberija"): jiġifieri, ikun hemm kelma miktuba fil-karta tal-eżami u l-kandidati jikkupjawha ħażin avolja tkun quddiemhom.

Ħa nagħtu ftit żbalji ortografiċi li nstabu fl-iskripts; dawn jinkludu anki żbalji ta' kliem bażiku: "mħux" (mhux), "toqgħodu" (toqogħdu), "tlettin" (tletin), "tidejjaq" (tiddejjaq), "tħalas" (tħallas), "tijaj" (tiegħi), "minflokk" (minflok), "alilna" (qalilna), "imsoma" (insomma), "atila" (għedtilha), "memx" (m'hemmx), "jin" (jien), "mijaj" (miegħi), "tijaj" (tiegħi), "imbad" (imbagħad), "niltaqaw" (niltaqgħu), "nisimaw" (nisimgħu), "tistaw timaginaw" (tistgħu timmaġinaw), "żagħżagħ"/"żagħżgħ" (żgħażagħ), "kemm il-darba" (kemm-il darba), "nteressanti" (interessanti), "mportanti" (importanti), "mmens" (immens), "gażin" (każin), "ideja" (idea), "kellhom seba' t-itfal" (kellhom sebat itfal), "hilhom jippjanaw" (ilhom jippjanaw), "kola Taljani" (kollha Taljani), "imbelgħaħ" (imbellah), "najd l-ommi" (ngħid 'l ommi), "jigħx" (jgħix), "il-qudim" ('il quddiem), "di mijiex cajjta" (din mhijiex ċajta), "ikollhu" (ikollu), "thalt" (dħalt), "nixemxu" (nixxemmxu), "nużom" (nużahom), "it-tir" (ittir), "maqudin" (magħqudin), "jadu" (jgħidu), "qandek" (għandek), "tejdlek" (tgħidlek), "sieħebna" (seħibna)

Kien hemm kandidati li kontinwament iħawdu l-"u" u l-"hu", il-"min" u l-"minn", u l-"ma'" u l-"ma". Bosta jħallu barra t-tikek fuq iċ-ċe, il-ġe, u ż-że u ma jaqtgħux ras il-ħe. Ħafna mhumiex midħla tal-aħħar aġġornamenti ortografiċi.

F'dan l-eżami l-*ispelling* tal-kliem Ingliż li daħal fil-Malti kien hemm min użah tajjeb meta kitbu b'ortografija Maltija (eż. "essaċċ", "kompjuter", "limużin").

3. L-iżbalji lessikali

Xi wħud mill-kandidati kellhom nuqqas ta' għarfien tajjeb ta' xi kliem, u oħrajn ma kinux jafu kelma bil-Malti u adattaw waħda mill-Ingliż jew mit-Taljan jew ivvintaw waħda: eż. "morna nirrefuġjaw" (morna nfittxu kenn), "jirristrittawna" (jissikkawna), "persegwitazzjoni" (persekuzzjoni), "disvantaġi" (żvantaġġi), "honesti" (onesti), "lojali" (leali), "misfortuna" (sfortuna), "unfortunatament" (sfortunatament), "Kollox ser ikun anonimuż" (anonimu), "il-kurrenzija ser jinbidel" (il-munita se tinbidel), "Imma mhux biss avvantaġġi" (vantaġġi), "post fejn advertażaw" (irreklamaw), "tiffaċilizza" (tħaffef), "kuntezizza" (kuntentizza).

Il-konfużjoni ta' elementi ma' xulxin tfaċċat ukoll f'xi qwiel.

4. L-iżbalji grammatikali

Fost ħafna nsemmu dawn:
"b'saħħita" (b'saħħitha), "il-persuna huwa" (il-persuna hija), "kull pajjiżi" (kull pajjiż), "id-dinja kollha se jkunu qishu pajjiż waħda" (id-dinja kollha se tkun qisha pajjiż wieħed), "knisja kbira b'arkitettura neoklassiku" (neoklassika), "dawn kollha huma s-sorsi ewlieni" (ewlenin), "il-ħbiberija huwa importanti" (il-ħbiberija hija importanti), "xi ħadd minnkom huma mdejjaq" (xi ħadd minnkom huwa mdejjaq), "Aħna kienu grupp ta 6 it-tfjel" (aħna konna grupp ta' sitt itfal), "għadni niftakar dik il-jum" (dak il-jum)

5. Nuqqas ta' loġika

Hawnhekk hawn xi eżempji meħudin mill-iskripts biex nuru kif inkiteb il-Malti kontinwu minn xi wħud minn dawn il-kandidati. Fihom naraw ħsibijiet mhux sħaħ jew maqtugħin, ideat vagi jew li ma jsegwux lil xulxin, u strutturi li ma jagħmlux sens. Dawn huma nuqqasijiet serji (ġejjin minn skripts differenti) għax juru li l-kandidati ma kellhomx ħila jorganizzaw ħsibijiethom b'mod loġiku u komplut biex jesprimuhom f'lingwa li tinqara bla tbatija.
(a) "Importanti li mal-ħabib tara li sibt wiehed li jkun ħabib ta veru u li għandek affarijiet komuni mijaw eżempju togħġbok l-istess logħoba u affarijiet oħra."
(b) "Il-ħbiberija mhix biss mal-ħbieb iżda ukoll mal-membri tal-familja fejn aħna mhux biss nargħaw bħala ġenituri tagħna bħal ġenituri li dejjem jinsistu biex naħdmu jew ituna kastik kif ukoll argumenti żda huma laqwa ħbieb tagħna għax dejjem sa insibuhom warajna u li dejjem jixtiquna l-ġid."
(ċ) "Dawn l-affarijiet juru l-importanza tal-ħbiberija: li l-ħbiberija jista' jgħina 'mma rridu nikontrollawh u l-mentalità li anke jekk tista' tkun ħbieb ma dak il-persuna għal aktar minn sena, xejn ma jdum eternita`."
(d) "kieku tiġri chaos kbir ikun hemm fid-dinja, nies ma jistawx immorru lura pajjiżom jekk ikunu jgħixu pajjiż ieħor u ħafna periklu u ġenn li jħassru li dinja."
(e) "Illum il-ġurnata biex wieħed jista jivvjaġġa ximkien jew jrid jidħol ġo stabiliment ta adulti, persuna irid ikollu l-fruntieri u l-passaporti."

(f) “Meta morna dwar l-ħwienet aħna domna xi erbgħat siegħat għax morna ġo ħafna ħwienet li xtrajna mingħand u għallura ġo jdejna kellna ħafna basktijiet tal-ħwienet li xtrajna mingħand.”
(ġ) “Min-naħa l-oħra, mal-ħielsa tal-moviment f’Unjoni Ewropej hemm problemi li kriminali jistgħu jmorru go pajjiż f’Unjoni Ewropej mal-objettiv, sabiex tagħmel attivitajiet kriminali.”

Id-diżorganizzazzjoni tal-ħsibijiet hija aktar serja mill-iżbalji tal-*ispelling*.

6. Kliem ġej minn lingwi oħra
Bosta kienu dawk li użaw tajjeb il-kliem li daħal mill-Ingliż (eż. “noqogħdu niċċettjaw fuq il-kompjuter”, “jista jaqbduh bl-‘iscanner’ il-puluzija”, “fil-festa ikun hemm il-kjosks, tal-qubbajt, pastizzi, u ħambergers”). Imma kien hemm min inqeda bl-Ingliż għax ma kienx jaf il-kliem Malti: “hemm hekk mar kollox downhill”, “L-opinion tiegħi u li ħadd ma jkun jista”, “Kollox tal-frozen”. Xi kandidati oħra ppreferew kelma Taljana milli waħda Maltija: “biex induru ċ-ċitta aħjar” (il-belt), “il-kontadini ibiħħu l-ħaxix” (ir-raħħala).

7. Elementi kollokjali
Ħafna kandidati kitbu kif jitkellmu. L-aktar żewġ karatteristiċi tal-Malti mitkellem li tfaċċaw fl-iskripts kienu (a) it-tqassir tal-kliem, eż. “ħabba” (minħabba), “naqa” (naqra), u “qas” (anqas); u (b) il-vulgarità, eż. “Dik il-ġurnata kienet fotitli ħajjti” Dawn iż-żewġ karatteristiċi m’għandhomx jitfaċċaw fit-tweġibiet għal dan l-eżami.

**It-Tieni Taqsima: (A) Fehim it-Test**

Il-biċċa l-kbira tal-kandidati wieġbu l-mistoqsijiet tajjeb. Bosta minnhom ikkupjaw direttament mis-silta bla ma ppruvaw iwieġbu fi kliemhom. Minkejja dan, xorta kien hemm ħafna żbalji ortografiċi u grammatikali. (Is-sillabu ddetta b’mod ċar li f’dan it-taħriġ l-ortografija ma tkunx ittestjata.) Pereżempju, għalkemm il-kelma “tniġġis” ingħatat tmien darbiet f’din it-taqsima, xorta kien hemm min kitibha ħażin (“tniġġiż”, “tniggis”, “tniggiż”). Kien hemm min alterna u nqeda bil-kelma “tniġġis” u bil-kelma *pollution.* It-tweġibiet ingħataw tajbin jekk kienu jwieġbu sew il-mistoqsija. Kien hemm ukoll nuqqas ta’ tkomplija ta’ sentenzi u kien hemm min ħawwad l-istrutturi tas-sentenzi; sakemm dawn kienu jinftehmu l-marki ma ntilfux, imma meta t-tweġibiet kienu ambigwi jew ma kinux jagħmlu sens intilfu l-marki. Kultant xi tweġibiet ingħataw f’forma ta’ lista jew punti: l-aħjar jekk it-tweġibiet jagħmlu sens sħiħ.

1. Ħafna taw tweġiba tajba u kitbu biss is-sorsi ewlenin ta’ tniġġis (kif kellhom jagħmlu). Imma kien hemm oħrajn li taw is-sorsi kollha li jissemmew fl-ewwel paragrafu (u b’hekk ma għażlux bejn sorsi ewlenin u sorsi oħrajn). Insibu tweġibiet ħżiena oħra, bħal “Is-sorsi ewlenin ta’ tniġġis f’pajjiżna huma tal-arja u tal-ilma.” Kien hemm ukoll min ta nofs tweġiba korretta (eż. “il-karozzi u l-popolazzjoni”).

2. Ħafna ġabu din it-tweġiba tajba u taw raġuni korretta. Imma nsibu bosta tweġibiet ħżiena jew li ma jagħmlux sens (eż. “għax f’ċertu nħawi”; “minħabba l-irjieħ li jolqtu l-gżejjer Maltin”; “id-direzzjoni tar-riħ mhux dejjem tkun l-istess”). Xi wħud kitbu r-risposta ħażina billi kitbu li r-riħ itaffi din il-problema u oħrajn semmew is-sorsi l-oħra tat-tniġġis li jissemmew fl-ewwel paragrafu tas-silta (u li ma ridux jiġu fl-ewwel tweġiba).

3. Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb. Kien hemm min semma effett wieħed, u xi wħud dehru li ma fehmux il-mistoqsija sew bħal min qal li t-tniġġis qed iħalli effett fuq il-ġebla.

4. Ħafna tweġibiet kienu tajbin imma kien hemm min wieġeb biss l-ewwel parti.

5. Ħafna ma tawx it-tweġiba t-tajba għal din il-mistoqsija. Ma tawx ir-raġuni għaliex xi ħadd qatt ma jista’ jkollu arja tajba, imma kitbu biss li veru li l-karozzi eċċ. jipprovdu arja ħażina. Ma spjegawx kif l-arja ħażina ta’ barra tista’ tidħol u taffettwa ġewwa wkoll. Oħrajn ġabu din it-tweġiba ħażina għaliex semmew l-affarijiet li hemm ġod-dar li jitfgħu arja ħażina, bħall-*air-conditioner*, jew għażlu bejn dawk l-affarijiet li jagħmlu arja ħażina ġod-dar u dawk li jagħmlu arja ħażina fit-triq.

6. Il-biċċa l-kbira ma rrispondewx tajjeb għal din il-mistoqsija jew inkella taw nofs tweġiba – xi wħud irrispondew l-ewwel parti biss tal-mistoqsija u oħrajn ħallewha barra din l-ewwel parti. Fost it-tweġibiet

ħżiena kien hemm ta' dawk li kitbu x'għandna nagħmlu u x'hemm bżonn isir; kandidati oħra qalu huma x'jaħsbu. Xi wħud ħallewha barra għalkollox din l-aħħar mistoqsija.

B'mod ġenerali ngħidu li f'taħriġ il-fehem il-kandidati jiksbu ħafna mill-marki, speċjalment fil-mistoqsijiet tal-bidu. Il-marki jibdew jonqsu lejn il-mistoqsijiet tal-aħħar. Xi wħud jikkupjaw ħafna mis-silta, anki dak li m'hemmx bżonn u b'hekk iwieġbu fit-tul. Meta l-mistoqsija tkun maqsuma fi tnejn jew inkella tkun qed tistenna aktar minn raġuni waħda, ħafna drabi l-kandidati ma jagħtux it-tweġiba għall-mistoqsija kollha: ġeneralment jirrispondu biss għall-ewwel parti tal-mistoqsija. Hemm bżonn li l-kandidati jaqraw sew il-mistoqsijiet qabel ma jwiġbuhom u jaraw eżatt x'qed jistaqsu, anki joqogħdu attenti għad-dettalji.

**(B) Għarfien il-Lingwa**

1. Ħafna kandidati wieġbu ħażin (i) jew għax il-kliem li taw ma kienx tal-istess forma (parti tad-diskors, ġens, għadd) bħal dak b'sing taħtu, (ii) jew għax ma tawx kelma imma taw sentenza jew frażi.
a. Ħafna wieġbu tajjeb. Fost il-ħżiena kien hemm min ta kelma li ma taqbilx mal-aġġettiv ta' wara ("negattiv") u għalhekk sintattikament kienet inaċċettabbli: eż. "konsegwenzi", "konsegwenza", "jaffettwa", "kundizzjonijiet", "affarijiet". Oħrajn ma tawx kelma waħda imma taw sentenza: eż. "iħallu konsegwenza negattiva".
b. Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu "valenu", "imniġġsa", u "kontrolata"; kien hemm ukoll min ma tax kelma waħda imma ta aktar, bħal "kimika li tniġġes l-arja u taffettwa ħażin fil-pulmun" jew "tagħmel il-ħsara".
ċ. It-tweġibiet ħżiena kienu jinkludu "immaniġjata", "imsegwa", "irranġata", "ikontrollata", "mħarsa" u sentenzi bħal "Jinzamm rekordju rigward jekk l-arja ijiex minġġsa jew le", "Noqogħdu attenti għaliha", "Jiċċekjaw jekk l-arja hiex imniġġsa", u xi klawsola bħal "Ikkontrollata permezz ta' strument apposta".
d. Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu "fatti", "ideat", "ċans", "prova", "tama", "fatt", "Ċertu affarijiet qed jissuġġerixxu", "Qed jaħsbu li waħda mir-raġunijiet tal-ażżma hi minħabba l-arja ta' ġewwa", "Xi sorsi xjentifiċi".

B'mod ġenerali ngħidu li għal dan it-taħriġ ried jingħata kliem ieħor li jiffittja fil-kuntest grammatikali tas-sentenza mogħtija. Kien hemm min, minflok għamel hekk, ta t-tifsira tal-kelma b'sing taħtha. U kien hemm min ta aktar minn kelma waħda għal kull waħda: eż. (a) "effett, ħażin, konsegwenzi ħżiena", (b) "ħażina, perikoluża", (ċ) "imħarsa, imkejla", (d) "suspett, konċernazzjoni".

2. Kien hemm aktar tweġibiet tajbin għall-(a) milli għall-(b). Insibu xi tweġibiet ħziena jew li ma jiffittjawx il-kuntest (għall-(b),"ma nħallux il-problema tkompli tgħaddi mar-riħ"). Kien hemm min għaqqad iż-żewġ espressjonijiet fi tweġiba waħda, u oħrajn daħħlu l-espressjonijiet f'sentenzi tagħhom u ma tawx it-tifsiriet tagħhom.

3. Ħafna ġabuha tajba. Kien hemm min kiteb is-sentenza sħiħa li fiha l-espressjoni, minflok ma ta l-espressjoni biss – il-kandidati ta' dan l-eżami jridu jifhmu li hemm differenza bejn l-espressjoni waħedha (kif talbet il-mistoqsija) u l-espressjoni fis-sentenza kuntestwali tagħha (li taf tiġi interpretata li hija s-sentenza kollha li l-kandidat qed iqis li hija l-espressjoni mitluba). Oħrajn taw nofs l-espressjoni ("tarah b'għajnejk" jew "tmissu b'idejk" biss). Fost tweġibiet żbaljati nsibu: "qegħdin imermru l-ġebla Maltija", "Ghalkemm l-irjieħ li jaħkmu l-Gżejjer Maltin itaffu ftit mill-problema", "il-livelli ta' dan il-gas aċiduz huma għoljin hafna", "u jdgħajfu l-pulmuni ta' tfal u anzjani".

**It-Tielet Taqsima: Il-Grammatika**

Kien hemm min ġab it-taqsima kollha ħażina. Ftit kisbu l-marki kollha tagħha. Xi wħud ħallew ħafna barra u oħrajn qabżuha għalkollox din it-taqsima. Ħafna minn dawk li wieġbu wrew li ma jafux jagħżlu bejn il-partijiet tad-diskors. Kultant min jispelli kelma ħażin ikollu l-morfoloġija ħażina ta' dik il-kelma.

1. Ħafna ġabuha tajba imma kien hemm min ta l-mamma jew l-ewwel konsonanti taha akka.
2. Bosta ġabuha ħażina. Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu "ngħidu", "mhedda", "tagħrif", "jipprovdu", "jqajmu", "xieraq", "attivita", "skarsezza", "meħtieġ", "jqajjem", "jagħmel", "ħtieġa", u "tgħix" – dawn it-tweġibiet juru nuqqas ta' għarfien xieraq tal-forom tal-verbi. Xi wħud fittxew xi kelma li tibda bit-te bħal "tgħix" u "tagħrif".

3. Ħafna ġabuha tajba imma kien hemm min wera li ma jafx x'inhu parteċipju passiv għax insibu tweġibiet bħal "għan", "sar", "tiżdied", "biżżejjed", "ħażna", u "sfida".
4. Kien hemm għadd ġmielu ta' kandidati li ma kinux jafu x'inhu zokk morfemiku jew li ma kinux jafu kif isibuh. Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu: "skar", "ezza", "skarsezz", "skarsez", "jiskarsezza", "karsezz", "skarsa", "kars".
5. Fost it-tweġibiet ħżiena kien hemm: "meħtieġu", "meħtieġat", "jeħtieġ", "tieġ", "meħtieġa", "mħeġġeġ", "mħetteġ", "ħeġġa".
6. Ħafna ġabuha tajba imma kien hemm xi tweġibiet ħżiena bħal "żviluppazzjoni", "żviluppi", "żviluppament". L-*ispelling* ħażin ("żżvilupaw", "jizzviluppa", "żvilluppaw", "jiżżviluppa", "żvilluppa") juri grad għoli ta' inċertezza fost il-kandidati minkejja l-fatt li fil-karta kellhom il-kelma "żvilupp" biex jibnu fuqha.
7. Kien hemm għadd ġmielu li ta l-forma "soċjoekonomiki". Kien hemm oħrajn li tfixklu fl-*ispelling* tal-ewwel parti tal-kelma ("soċjiekonomiċi", "soċjekonomiċi", soċjiekonomiki'). Forom ħżiena oħra kienu "soċjoekonomikajiet", "soċjoekonomiji", "soċjoekonomija".
8. Xi tweġibiet ħżiena kienu: "tagħrraf", "tagħrif", "tagħrrif", "tagħrref", "tgħaref", "jitgħarraf", "għorrief".
9. Ħafna ġabuha tajba imma xorta nsibu bosta tweġibiet ħżiena: "ewlieni", "mhedda", "iżżvilupp", "jipprovdu", "tiżdied", "għaqdiet", "tal-populazzjoni", "tal-programmi", "tgħix", "biżżejjed", "l-mutur", "ħażna".
10. Kien hemm min ma kienx jafha u ta xi ħaġa minn dawn: "l-ilma", "ilma", "ħafna ilma", "ilmwiet", "ilmliet".
11. Ħafna ġabuha ħażina.
12. Ħafna ġabuha ħażina bi tweġibiet bħal "kuxjenza nadifa", "konxju", "xjentist", "kuxxjentali", "ikkunxjenzat", "kuxjenza safja", "xjenza", "rikonoxxut", "kuxendenti".
13. Ħafna ġabuha tajba imma kien hemm tweġibiet bħal "ħażen", "miħżun", "ħżina", "maħżun", "ħażin", "mħażna", "meħtieġ", "mħażżen", "inħażen", "ħanżir".
14. Kien hemm min ta l-komparattiv minflok is-superlattiv. Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu: "l-eħwel", "l-ewlaħ", "ħlewwiet", "l-isbaħ", "oħla", "ħlejju", "ħlewwa", "ħelwiet", "iktar ħelu", "aktar ħelwin", "l-iħlew".

**Ir-Raba' Taqsima: Ir-Rapport**

Xi wħud mill-kandidati użaw format ħażin, speċjalment dawk li nqdew bil-format tal-ittra jew tal-*email,* jew li kitbu avviż jew reklam. Oħrajn naqsu li jagħtu d-dettalji u l-fatti tal-attività kif kien mitlub minnhom. Kien hemm xi wħud li ma ħaddmux il-punteġġjatura – ġieli f'rapport sħiħ ma ssibx *full stop* waħda jew ma jintużawx l-ittri kapitali. Oħrajn l-ideat differenti li semmew ma qassmuhomx f'paragrafi. Barra minn hekk, uħud ma fehmux x'kien mistenni minnhom u ħarġu barra mis-suġġett. Kien hemm ukoll min ma tax titlu xieraq lir-rapport.

Il-kitba tar-rapport għal dan l-eżami titlob ħila li jitwassal tagħrif relevanti b'mod konċiż u espressiv. Dan ma jfissirx li r-rapport ried ikun xott. Il-kandidati riedu jgħidu ħafna fi ftit kliem u jevitaw ir-repetizzjoni. Għalhekk tajjeb li wieħed jippjana sew biex jikteb rapport informattiv.

a. Fost dawk li tilfu ħafna marki, kien hemm dawk li kitbu fuq proġett li għad irid jitwettaq u oħrajn li kitbu f'isem xi osservatur u mhux bħala "membru ta' għaqda li taħdem għall-ġid tal-komunità". Kien hemm min ir-rapport tah xejra ta' reklam biex il-librerija tar-raħal tintuża aktar. Fost it-tibdiliet li ssemmew insibu għamara ġdida, kotba ġodda, tibjid, żieda ta' kompjuters, twaħħil ta' *air-conditioner*, tojlits ġodda, u sistema ġdida ta' dawl.

b. Kien hemm min kiteb biss fuq l-inċident ta' sieħbu u xejn fuq l-inkonvenjenzi għal min juża l-*wheelchair*. Imma oħrajn semmew inkonvenjenzi bħal nuqqas ta' rampi f'postijiet pubbliċi, bankini dojoq, arbli f'nofs ta' bankina, nuqqas ta' lifts f'ċerti postijiet, postijiet ta' divertiment bit-taraġ, spazju limitat f'ċerti postijiet, bibien dojoq, u nuqqas ta' tojlits għal dawn in-nies. Kien hemm min qal li l-ħabib kellu "għomru" ġol-*wheelchair* meta kienet ċara li l-*wheelchair* kien "għal xi żmien".

F'din it-taqsima wkoll kien hemm bosta żbalji tal-ortografija, tal-grammatika, u fl-istruttura tas-sentenzi. B'eżempju nsemmu: "Il-librerija tagħna hija xi ħamsin-il sena", "Jien naf lil xi ħadd li kien fl-inċident u issa qedgħa juża wheelchair", "Dawn in-nies ma jidiservux jekk għandhom disibilità jmorru postijiet qatt, xi ħaġa irid tinbidel". Kien hemm bosta li l-ismijiet tal-irħula tawhom mingħajr l-artiklu u l-"ħal" ittrattawha bħala artiklu. Xi wħud kellhom vokabularju limitat: eż. "f'mogħtija ta' kotba qodma fejn flokhom ġew mibdula ma oħrajn ġodda", "Grazzi talli qiegħdin tieħdu il-ħin min idejkom biex taqraw dan ir-rapport".

**Il-Ħames Taqsima: L-Ittra**

Xi kandidati wrew li ma jafux kif jiktbu ittra formali u oħrajn lanqas kif jiktbu *email*. Kien hemm min ma qassamx l-ideat f'paragrafi u min ma daħħalx tislima u/jew tislija xierqa. Fil-karta tal-eżami ngħataw l-ismijiet u l-indirizzi li kellhom jintużaw biex il-kandidati jużaw lilhom u mhux xi indirizzi u ismijiet oħra; min uża isem u indirizz differenti minn dawk li ngħataw ġie ppenalizzat.

a. Xi wħud ma mxewx mal-format tal-ittra formali u qabdu u kitbu l-messaġġ. Kien hemm min ma użax il-konvenzjonijiet tal-ittra, ma indirizzax lill-maniġer tar-restorant fil-bidu tal-ittra u ma għalaqhiex b'mod xieraq. L-aħjar tislima li wieħed jista' jagħti meta ma jkunx jaf min hu l-maniġer tar-restorant hija "Sinjur/a". L-ideat li tressqu kienu ħafna; xi wħud mid-diżappunti kienu jgħidu li: irriservaw mejda u xorta damu jistennewha, irriservaw mejda u xħin waslu qalulhom li ma kellhomx buking, il-wejter ma laqagħhomx tajjeb, il-mejda kienet maħmuġa, l-ikel dam ħafna ma ġie servut, l-ikel kien ħażin jew ma kienx frisk, il-programmi li bdew juru fuq it-televixin tar-restorant ma kinux xierqa (eż. dentist jaqla' sinna mħassra), il-wejters kienu arroganti jew qalu xi kliem baxx, poġġewhom fuq mejda u reġgħu qajmuhom, tawhom l-ikel żbaljat, kien hemm it-tojlit maħmuġ, in-nies tħallew ipejpu fir-restorant, ma għamlulhomx il-kejk li ordnaw għall-*birthday* li kienu qed jiċċelebraw, xi ħadd minnhom kien *lactose intollerant* jew kellu dieta bla glutina u ma tawhx l-ikel li wegħduh li se jagħmlulu.

Kien hemm min ma tax kas li din kellha tkun ittra formali u nqeda b'forom tal-Malti mitkellem (eż. "ħa ngħidlek, ta' ma kontx nistennieha minn għandek, imissek tistħi!", "eh qabel ninsa, taf xiex?", "din kienet l-aħħar darba li rajtni hemm!") – forom nieqsa mill-kordjalità u l-prudenza.

b. Ħafna kitbu *email* qasira wisq u ma kinux jafu x'se jaqbdu jgħidu. Oħrajn ma spjegawx ruħhom tajjeb fuq il-mowbajl li ordnaw. L-aktar ideat komuni għaliex ma kienx il-mowbajl li ordnaw kienu għaliex il-mowbajl kien ta' ditta differenti u għaliex il-mowbajl ordnat kellu kulur differenti. Ħafna qalu li riedu l-flus lura jekk mhux se jibdlilhom il-mowbajl, oħrajn qalu li jekk se jżommu l-mowbajl li bagħtilhom iridu d-differenza tal-flus għaliex li ordnaw kien jiswa aktar; kien hemm oħrajn li qalu li se jibagħtu l-mowbajl li ntbagħtilhom u jistennew li jibgħatilhom l-ieħor lura. Xi wħud ħallew is-suġġett barra jew taw suġġett li ma kienx jixraq – każ partikolari semma l-*email* "Ordni żbaljata" meta l-ordni kienet tajba imma dak li wasal kien żbaljat. Kien hemm min ma tax kas li x-xiri sar minn fuq l-internet.

F'dan il-komponent ukoll niltaqgħu ma' każijiet ta' nuqqas ta' prudenza għax kien hemm xi theddid li wieħed idaħħal il-pulizija jew itella' lil tal-ħanut il-qorti jew jagħmillu reklam ħażin man-nies. Mhux il-kandidati kollha bdew l-*email* b'"Sinjur" jew "Għażiż Sur Scott".

Minbarra l-iżbalji tal-format, f'din it-taqsima kien hemm ukoll bosta żbalji tal-lingwa u strutturi żbaljati. Żball komuni ħafna kien "għażież" (għażiż). Ħafna gerfxu l-ġens tal-aġġettivi, u oħrajn kellhom vokabularju limitat jew ma ħaddmux vokabularju xieraq. Ftit eżempji huma: "Jien qed niktiblek dan l-email biex niffurmalek li l-kaxxa tal-mowbajl li irċevejt mhux li ordnajt", "L-Ordna tal-mowbajl", "Lest li nagħmel maħfra għall-ħaddiema", "Nirringrazzjak minn quddiem".

**It-Tieni Karta**

L-istudju tal-letteratura jġib lill-istudenti tal-Form 5 wiċċ imb wiċċ mal-lingwa fl-aktar forom varjati u kumplessi tagħha. F'dawn il-kumplessitajiet jiġu ppreżentati l-ħsibijiet, l-esperjenzi, u s-sentimenti ta' nies li jeżistu 'l hemm mill-ambjent ta' kuljum tal-istudenti. U għax l-istudenti joqorbu lejn dan iċ-ċirku ta' għarfien ikunu f'qagħda biex jirriflettu fuq tiġrib uman li jkun possibbli imma li huma qatt ma jkunu ltaqgħu miegħu. Jitgħallmu jempatizzaw u għall-iskop ta' dan l-eżami jeħtieġ jitgħallmu jfissru ruħhom b'lingwa xierqa. Jiġifieri, jekk jaslu jifhmu l-kumplessitajiet tal-lingwa u jaslu jfissru rwieħhom b'mod xieraq dak kollu li jifhmu, ikunu qegħdin juru ħakma profiċjenti tal-Malti.

**It-Tieni Karta A**

*Kummenti ġenerali*

Il-biċċa l-kbira tal-kandidati wieġbu tajjeb għall-mistoqsijiet mogħtija. Hawnhekk se nagħfsu l-aktar fuq l-aspetti negattivi. Il-markers tat-2A għamlu dawn il-kummenti ġenerali:

1. Ħafna kandidati rreferew għall-poeti bħala "narraturi". Jeħtieġ issir distinzjoni xierqa bejn iż-żewġ termini (poeta u narratur).
2. Kultant il-kandidati nqdew b'lingwa oħra għax ma sabux il-kelma bil-Malti: eż. "in-narratur huwa l-porta voce tal-poeta"; "Ċensina ma tiġix aċċettata mis-soċjetà probably għax ..."; "tkun l-outcast tas-soċjetà."; "ma nidhrux bħala tfal cool."
3. Komponimenti letterarji tajbin ħafna ftit kien hemm.
4. Fost l-iżbalji tal-kitba nsibu nuqqas ta' użu ta' ittri kapitali fil-bidu ta' xi sentenzi u f'ismijiet ta' karattri (eż. "rużann", "ingliżi", "marija", "malta", "Ħad-dingli"), u xi żbalji ortografiċi (eż."sangristan", "sankristan", "lir-Rużann").
5. Fl-istudju għal dan l-eżami, trid tingħata iktar importanza lill-effett tal-figuri tat-taħdit u mhux biss lill-identifikazzjoni tagħhom.
6. Min fl-esejs ma żammx mal-kwota tal-kliem mitlub tilef il-marki.
7. Ħafna kienu jafu xi kwotazzjonijiet u użawhom f'kuntest tajjeb.
8. Bosta kandidati ma ddiljawx tajjeb mal-aspetti konnotattivi tal-lingwa.

*Ir-Referenzi għall-Kuntest*

Il-mistoqsijiet f'dawn it-taqsimiet huma, fil-qofol tagħhom, letterarji.

*L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest – Il-Poeżija*

B'mod ġenerali ngħidu li l-kandidati wieġbu aħjar dawk il-mistoqsijiet marbutin mal-kontenut u wieġbu inqas tajjeb dawk li għandhom x'jaqsmu mal-forma tal-poeżiji. Imma minkejja dan, ftit jafu jfissru r-rabta bejn il-forma u l-kontenut. Fejn jidħlu t-termini letterarji jeħtieġ li l-kandidati ta' dan l-eżami jkunu midħla sew tagħhom għax inkella jkun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni xierqa. Bosta drabi l-marki fil-ġenb tal-mistoqsija jagħtu indikazzjoni kemm ikunu jridu jsemmu karatteristiċi jew punti.

Silta A

1a Għalkemm bosta kandidati kitbu li l-għamla tal-poeżija hija "ballata" jew "ballata romantika", kien hemm numru sostanzjali li kitbu sempliċiment "poeżija tradizzjonali."
1b L-aktar li semmew kienu li hija "ġrajja ta' mħabba" u li għandha "tmiem traġiku". Ftit wisq waslu biex jidentifikaw l-karatteristiċi kollha ta' din l-għamla. Bosta kienu dawk li kitbu dwar il-metrika tal-poeżija jew taw il-ħsieb tat-tliet taqsimiet tagħha.

2a Uħud żbaljaw meta wieġbu li qed tqanqal il-patrijottiżmu.
2b Uħud żbaljaw meta kkwotaw "rjus l-għedewwa", "ħabel wieħed", u "daqs għeferiet".

3a Kien hemm min wieġeb bil-kelma "ħakem".
3b Ħafna kienu dawk li wieġbu ħażin.

4 Bħala eżempju ta' similitudni, diversi kandidati kkwotaw "Ħin bla waqt bħal sħaba sewda" imma interpretawha (b'mod żbaljat) li kienet tirreferi għall-Maltin sejrin jiġġieldu. Ma fehmux li s-sħaba sewda tirrappreżenta l-għadd kbir ta' furbani. Bosta kienu dawk li ma kinux kapaċi jitkellmu fuq l-effett.

5a Uħud kitbu li l-vers huwa "vers ħieles" għax ma ndunawx li kien hemm versi tronki, u għalhekk kitbu li hemm taħlita ta' versi bi tmien sillabi u oħrajn b'sebgħa. Oħrajn waslu biex semmew li hu vers ottonarju jew tat-tmienja imma mbagħad ma semmewx il-karatteristiċi l-oħra (kwartini, jalternaw wati u tronk, rima mqabbża). Kien hemm uħud li wrew li ma jafux it-tifsira ta' vers għax semmew emozzjonijiet bħal ferħ, imħabba, u biża'. Oħrajn għażlu vers mill-poeżija u spjegaw l-effett u t-tifsira tiegħu.
5b Ħafna kandidati ma waslux biex jorbtu l-għamla tal-vers u t-tema tal-poeżija flimkien.

Silta B

1 Xi kandidati kienu jafu xi jfisser isem il-poeżija, imma kien hemm oħrajn li ma kinux jafu. Barra minn hekk, xi kandidati ma wiġbux il-mistoqsija u ma taw lanqas raġuni waħda għala l-poeta semmieha hekk. Kien hemm min qal li hija mistoqsija retorika bla ma spjegaha.

2 Ħafna kandidati waslu biex semmew is-solitudni u waqfu hemmhekk. Il-kandidati jridu jagħtu kas kemm ikun fiha marki l-mistoqsija għaliex ħafna drabi dan jindikalhom kemm ikunu mistennijin li jiktbu karatteristiċi jew raġunijiet.

3a Ħafna kandidati wieġbu tajjeb li qed tippersonifika lill-poeta – każ partikolari kien saħansitra jgħid "metafora antropomorfika (personifikazzjoni)." Imma wħud ma jidhrux li għandhom ħakma tajba biżżejjed tal-figuri tat-taħdit għax fost it-tweġibiet tagħhom insibu "metafora", "aferesi", "porta vuċi" (tal-poeta), "awtobijografika", "sinekdoke"," simboliżmu", "apostrofi."
3b Nuqqas ta' għadd ta' kandidati (fit-tieni parti) kien li minflok fissru l-personifikazzjoni f'din il-poeżija, taw tifsira ta' x'inhi personifikazzjoni (eż. "meta tagħti karatteristiċi umani lil min mhuwiex bniedem"). Xi kandidati wrew inkonsistenza terminoloġika fl-istess tweġiba: eż. "metafora .... ppersonifikata .... din hija metafora," u "mhux biss hija metafora imma hija wkoll ippersonifikata". Kien hemm xi kandidati li kitbu li l-ħarruba tirreferi għal Alla.

4a Ftit kienu l-kandidati li fissru l-frażi "għolja ġeblija" b'mod tajjeb. Kien hemm tweġiba daqsxejn vaga tgħid "qedha mal-ġebel li ma jgħiniex biex tikber." Xi wħud fissru din il-frażi daqslikieku kienet tikkonsisti fil-kelma "għolja" biss u qalu li l-ħarruba tinstab maqtugħa biex tara kollox u lil kulħadd taħtha. Ma ffukawx fuq il-kelma "ġeblija". Bosta żbaljaw meta emfasizzaw is-solitudni tal-ħarruba. Oħrajn qalu li l-għolja turi s-superjorità tal-ħarruba, li hi Alla, li qiegħda fil-ġenna, jew li hi soda.
4b Numru ta' kandidati spjegaw li kibru fiċ-ċentru tal-wied u ma waslux biex semmew il-protezzjoni u l-kumdità li kellhom.

5a Ħafna kandidati semmew li hu vers ħieles imma ma tkellmux dwar ir-rima irregolari tiegħu. Kien hemm min ma kienx jaf x'inhu vers u oħrajn għażlu vers u fissruh.
5b Ftit wisq kienu l-kandidati li waslu biex rabtu l-għamla tal-vers mat-tema tal-poeżija. Kien hemm min assoċja l-vers ħieles mal-ħsieb li l-poeta kien ħieles għax mhux maħkum mill-kilba għall-flus. Oħrajn qalu li l-vers ħieles jirrifletti l-għaġla tan-nies.

*It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest – Il-Proża*

B'mod ġenerali ngħidu li f'bosta każijiet il-kandidati wieġbu din it-taqsima aħjar minn dik ta' qabilha. Dan x'aktarx li huwa minħabba li l-proża hija aktar diretta mill-poeżija. Is-silta *Firda minn Kelb* dehret aktar popolari minn *Bank*. Kien hemm kandidat partikolari li l-markers ħassew li wieġeb kważi perfett, u għaldaqstant ingħata marka tajba ħafna.

Silta A
1a Kien hemm min għalkemm fl-ewwel parti tal-mistoqsija (1a) kiteb li s-silta hija ta' xeħta narrattiva, fit-tieni parti (1b) kiteb "għax jiddeskrivi." Dawn il-kandidati ma jiddistingwux bejn narratur li jiddeskrivi u narratur li jirrakkonta.
1b Ftit kienu dawk li qalu għaliex. Kien hemm min spiċċa jirrakkonta parti mill-ġrajja.

2a Kien hemm numru ta' kandidati li ħallew it-tweġiba barra jew qalu li hi metafora. Oħrajn qalu li l-kittieb qed iħaddem il-patos.
2b Ħafna wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija – anki dawk li wieġbu t-2a ħażin.

3 Din il-mistoqsija kien hemm ħafna kandidati li ġabuha tajba imma kien hemm min b'mod żbaljat bħala raġuni semma li "għax ried lil xi ħadd biex jakkumpanjah sal-għassa" jew "għax lill-kelb ried jieħdu dawra".

4 Ħafna wieġbu tajjeb imma kien hemm oħrajn li ma weġbux b'rabta mas-silta li ngħatat u semmew il-ħtija li ħass in-narratur biss.

5 Xi kandidati kkonċentraw biss fuq karatteristika waħda. Jiġifieri, meta wieġbu dwar il-karattru tan-narratur, diversi drabi semmew kwalità waħda (eż. "kellu karattru li jħobb l-annimali") u wara kitbu rakkont dwar dan, u injoraw karatteristiċi oħra tal-karattru tiegħu. Dan ifisser li l-qari letterarju ma jsirx b'mod sħiħ. Oħrajn urew li ma jafux xi jfisser karattru ta' bniedem, għax kitbu rakkont dwar x'għamel, imma l-kwalitajiet li għandu bħala persuna ma ssemma xejn dwarhom. Kien hemm min semma affarijiet li mhumiex relatati jew interpreta l-karattru ħażin (eż. "hu soċjevoli", "bniedem falz għax juri wiċċ b'ieħor").

Silta B
1 Il-biċċa l-kbira tal-kandidati semmew biss in-nostalġija għall-passat li kienet għaddejja minn moħħ Krazju Ebejer, imma ma speċifikawx in-nostalġija għal xiex kienet: sempliċiment kitbu *"nostalġija"*. Oħrajn qalu biss li kien qiegħed jiftakar f'Nina.

2 Il-mistoqsija talbet li l-kandidati jisiltu żewġ raġunijiet li juru kemm Krazju baqa' jħobb lil martu. Imma ħafna fehmu li jridu jiktbu kwotazzjonijiet, u ma tawx ir-raġunijiet varji li bihom nafu li Krazju kien iħobb lil martu. Dan huwa każ ta' meta l-mistoqsija ma tinqarax sew.

3 Bosta kienu dawk li kkwotaw "qagħad b'seba' għajnejn attent għal-lezzjoni" u fissruha b'mod effettiv. Imma ħafna ma semmewx il-kwotazzjoni "jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom".

4 Bosta kandidati kitbu tnejn mill-kwotazzjonijiet li hemm fil-mistoqsija, u wieġbu li dawn juru li kienu ferħanin, imma ma qalux x'inhu l-effett tar-repetizzjoni u d-differenza bejn każ u ieħor.

5a Ħafna kandidati waslu għall-metafora imma l-effett tagħha ma tantx waslu għalih. Kien hemm min qal li l-figura tat-taħdit hi dik ta' nostalġija.
5b Minflok ma kitbu l-effett veru li toħloq il-metafora "jinsatru fl-istar kiebi tas-snin", ħafna u ħafna kandidati kitbu li "l-kittieb qed idaħħalna iżjed fl-istorja" mingħajr ma rrealizzaw li din is-sentenza ma tweġibx il-mistoqsija. Xi eżempji oħra huma "Lill-qarrej iddaħħlu fl-atmosfera", "Ipoġġi lill-qarrej aktar fl-istorja", u "ż-żmien jgħaddi malajr wisq".

*Il-komponimenti letterarji*

Min joqgħod għal dan l-eżami jeħtieġ jieħu bis-serjetà l-istudju tal-letteratura u jkun midħla sew tal-kitba tal-esej letterarju. L-analiżi letterarja trid tkun aktar minn ħsieb ewlieni ta' xogħol għax titlob argumentazzjoni relevanti. Irid ikun hemm aktar analiżi kritika milli narrazzjoni. Għadd ta' kandidati qagħdu jirrakkontaw in-novelli u mhux jiddiskutuhom. Jeħtieġ ukoll jitħarrġu sew fil-kitba tal-introduzzjoni u tal-konklużjoni effettivi. Ħafna kandidati jagħżlu li għall-introduzzjoni jdawru l-mistoqsija fi kliemhom u għall-konklużjoni jirrepetu fil-qosor dak li jkunu semmew qabel. Il-fatt li kien hemm numru ta' komponimenti letterarji mingħajr introduzzjoni jew konklużjoni juri nuqqas fil-kitba tal-esej. Oħrajn offrew stqarrijiet ġeneriċi bla ebda rabta max-xogħlijiet letterarji fl-introduzzjonijiet tagħhom.

Kienet ħaġa ovvja li xi wħud immemorizzaw sett ta' noti, u dawn tilfu l-marki għax ma għarfux jorbtuhom mas-suġġett tal-mistoqsija. Minħabba li għal din il-parti jsir ħafna tagħlim bl-amment, bosta kienu dawk li ħassewhom aktar komdi fil-komponimenti milli fir-referenzi għall-kuntest. Imma kien hemm ukoll min ivvinta xi stejjer hu. Barra minn hekk, insibu stqarrijiet magħmula mingħajr rabta mat-temi tal-mistoqsijiet, u kultant ikun hemm xi espressjoni medjokri li xxekkel l-argumentazzjoni. Kien hemm min lill-awturi sejħilhom b'isimhom mhux b'kunjomhom.

Xi wħud inqdew bil-kwotazzjonijiet korretti, imma oħrajn gerfxuhom; kwotazzjoni kelma b'kelma trid titqiegħed fl-*inverted commas*. Jekk kandidat ma jiftakarx kwotazzjoni eżatt, jista' jagħtiha fi kliemu u dik tkun tgħodd bħala referenza għax-xogħol. Il-kwotazzjonijiet u r-referenzi jridu jintużaw biex isaħħu l-argument li l-kandidat ikun qed jiżviluppa. Għaldaqstant f'esej letterarju jrid ikun hemm kwotazzjonijiet jew referenzi (jew it-tnejn). Infakkru wkoll li f'esej l-ideat iridu jintrabtu ma' xulxin. Kultant il-kandidati jdaħħlu kwotazzjoni li tkun irrelevanti, jew inkella ma jispjegawx is-siwi tagħha.

Huwa importanti li l-kandidati jiktbu n-numru tal-mistoqsija li jagħżlu għax inkella tinħoloq ambigwità li ttellef il-marki.

Barra minn hekk, il-kandidati jridu jkunu kapaċi jispjegaw ruħhom b'Malti tajjeb u xieraq, u jsawru ħsibijiethom fit-tul mitlub mis-sillabu. Ħafna mill-komponimenti letterarji kienu twal iżżejjed u oħrajn kienu qosra wisq. Il-kwalità tal-ideat miktuba trid tirrifletti l-livell tal-Form 5.
B'mod ġenerali ngħidu li l-aktar li ntgħażel kien l-ewwel esej u ħafna kandidati ħarġu b'mod tajjeb it-twarrib tal-individwu mis-soċjetà. L-inqas li ntgħażel kien it-tielet esej u xi wħud wiġbuh wisq fil-qosor. Fost dawk li għażlu t-tielet esej kien hemm ħafna xogħol tajjeb u nħarġet id-distinzjoni li hemm fiż-żwieġ tal-poeżija *Niftakar* u f'dak tal-poeżija *Jum San Valentin*.

*It-Tielet Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Bejn Ħaltejn*, barra* Il-Ħarsa ta' Rużann*)*

Fost il-kummenti tal-markers għal dawn l-esejs insibu dawn:

- Numru mhux ħażin ta' kandidati wieġbu mistoqsija waħda biss minn din it-taqsima. Dan ifisser li ma qrawx ir-*rubric* sew.
- Ħafna kandidati tilfu l-marki minħabba l-irrelevanza.
- Kultant il-kandidati għamlu żbalji fl-għażliet tagħhom li tellfuhom il-marki bla bżonn. Ngħidu aħna, kien hemm xi waħdiet li wieġbu mistoqsija numru 2 billi rreferew għal novella marbuta mal-mistoqsija numru 1; u oħrajn li wieġbu mistoqsija waħda mit-tielet taqsima (minflok tnejn kif kienu mitluba) imma inkludew materjal ta' żewġ mistoqsijiet f'waħda.
- Xi kandidati ma ddistingwewx bejn l-awtur u n-narratur. Għalihom in-narratur u l-awtur huma l-istess persuna (eż. "Spiteri x'ħin ra f'liema stat qiegħda fih Ċensina offra li jgħinha"; "Żarha raġel [lil Ċensina] li hu Lino Spiteri"; "Clare Azzopardi kienet taħseb li n-nisa setgħu jiktbu tajjeb....")
- F'xi tweġibiet m'hemmx distinzjoni bejn novella u poeżija. Ngħidu aħna, kien hemm min il-poeżija *Niftakar* irrefera għaliha bħala "storja" li qed jirrakkontaha "in-narratur"; u f'każ ieħor, Marija Grech Ganado ssejħet "narratura" li qed tirrakkonta "storja". It-terminoloġija xierqa hija meħtieġa.
- Kien hemm nuqqas ta' għarfien minn xi kandidati dwar xi jfisser żwieġ li falla. F'*Niftakar* il-biċċa l-kbira tal-kandidati kitbu dwar il-ferħ li ħassew l-għarajjes fit-tieġ, imma verament ftit fissru kif il-poeta wera l-imħabba tiegħu b'mod speċjali meta mietet martu. Anzi, il-mewt ħafna interpretawha bħala dik li ġabet falliment fiż-żwieġ tagħhom. Tant hu hekk li diversi kandidati kitbu li ż-żwieġ falla għax il-mara mititlu. M'għarfux (u ma kitbux) li l-poeta wera mħabbtu lil martu anki waqt il-funeral tagħha. Xi eżempji li nsibu huma: "żwieġ jista' jfalli minħabba l-mewt ta' xi ħadd ..."; "Hawnhekk iż-żwieġ falla minħabba l-mewt ta' martu"; "Iż-żwieġ falla minħabba l-mewt f'*Niftakar*".
- Xi kandidati ma jiddistingwux bejn "tieġ" u "żwieġ": eż. "Il-kawża tat-tmiem tat-tieġ huwa l-mewt"; "Naraw il-bidu ta' tieġ, kif ukoll it-tmiem".

Kummenti fuq l-ewwel esej:

- Ħafna għażlu dan il-komponiment u analizzaw il-mistoqsija b'mod effettiv.
- Nuqqas li deher kien li xi wħud taw introduzzjoni li kienet kopja tat-titlu; oħrajn fl-introduzzjoni semmew novella waħda biss u injoraw l-oħra. Kien hemm min fl-introduzzjoni kiteb dwar ir-razziżmu li mhuwiex relatat ma' dawn ix-xogħlijiet.
- Il-konklużjoni spiss ingħatat bħala repetizzjoni ta' dak li ntqal qabel fl-esej, u xi wħud irrepetew it-titlu. Kien hemm bosta konklużjonijiet xotti.
- Nuqqas kbir kien li ħafna ma qabblux in-novelli flimkien, imma sempliċiment kitbu sensiela ta' punti marbutin ma' kull novella. Bosta kienu dawk il-kandidati li fl-iżvilupp għal dan l-esej taw żewġ paragrafi: wieħed dwar *Il-Koranta* u ieħor dwar *Ċensina* u ma qabblux ix-xogħlijiet ma' xulxin tul l-iżvilupp.
- Kważi ħadd ma wera li ma jaf xejn dwar dawn iż-żewġ novelli. Fost l-istqarrijiet żbaljati dwar *Ċensina* nsibu li d-deputat kien moħħu fin-nisa jew li d-deputat hu n-narratur.

Kummenti fuq it-tieni esej:

- Ftit kienu dawk li għażlu dan il-komponiment u min għażlu ma għarafx janalizza l-mistoqsija b'mod effettiv.

- Nuqqas li deher kien li xi wħud taw introduzzjoni li kienet kopja tat-titlu, u oħrajn fl-introduzzjoni semmew xogħol wieħed biss u injoraw l-ieħor.
- Il-konklużjoni spiss ingħatat bħala repetizzjoni ta' dak li ntqal qabel fl-esej.
- Nuqqas kbir kien li ħafna ma qabblux ix-xogħlijiet flimkien, imma sempliċiment kitbu sensiela ta' punti marbutin ma' kull xogħol.
- Ħafna injoraw it-tema tal-mistoqsija u ntefgħu jagħmlu sinteżi tal-ħsieb bla ma analizzaw b'rabta mal-mistoqsija, u għaldaqstant ħarġu barra mis-suġġett. Dawn urew li ma kinux kapaċi joħolqu argument dwar it-tema indikata. Kien hemm min kiteb dwar l-impressjoni tiegħu fuq il-ġenituri ta' Geraldine, u oħrajn irrakkontaw il-ġrajja tax-xogħol u mbagħad daħħlu xi sentenza waħda biss li torbot mat-tema fl-aħħar paragrafu.
- Fil-każ ta' *Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltli*, kien hemm xi kandidati li ffukaw fuq ir-relazzjoni bejn Lina u ommha u naqsu li jittrattaw ir-relazzjoni ma' missierha.

Kummenti fuq it-tielet esej:

- Dan il-komponiment ukoll kien magħżul minn ħafna, u bosta minnhom analizzaw il-mistoqsija b'mod effettiv.
- Nuqqas li deher kien li xi wħud taw introduzzjoni li kienet kopja tat-titlu, u oħrajn fl-introduzzjoni semmew poeżija waħda biss u injoraw l-oħra.
- Il-konklużjoni spiss ingħatat bħala repetizzjoni ta' dak li ntqal qabel fl-esej.
- Nuqqas kbir kien li ħafna ma qabblux il-poeżiji flimkien, imma sempliċiment kitbu sensiela ta' punti marbutin ma' kull poeżija.
- Xi wħud għamlu sinteżi tal-poeżija *Niftakar* billi analizzaw il-paralleliżmu bejn iż-żewġ strofi bla ma argumentaw dwar it-tema indikata fit-titlu.
- Kważi ħadd ma wera li ma jaf xejn dwar dawn iż-żewġ poeżiji. Nuqqas li kien ripetut f'ħafna komponimenti kien li f'*Niftakar* iż-żwieġ kien falliment. Ftit kienu li argumentaw li dan kien żwieġ ta' suċċess tant li l-poeta jibki n-nuqqas ta' martu li mietet.
- Għal *Jum San Valentin* ħafna mir-referenzi li għamlu kienu korretti li l-mara tinsab irrabjata għax ir-raġel ittradiha. Ħafna semmew li kien żwieġ fallut minħabba r-rabja li l-poetessa turi matul il-poeżija bl-użu tal-metafora tal-"balla". Xi wħud irreferew għall-aħħar parti tal-poeżija "u jekk tista' itfagħhieli lura qisha ballun", u argumentaw li minkejja r-rabja tal-poetessa lejn l-*ex* maħbub tagħha, din kienet għadha tittama li l-affarijiet imorru għall-aħjar.

*Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)*

Xi kandidati dehru li raw il-film ta' dan ir-rumanzett għax wieġbu fuqu minflok fuq il-ktieb. L-eżami jsir fuq dak li kiteb Francis Ebejer (i.e. fuq ir-rumanzett bħala ktieb) mhux fuq il-film.

1. Fost il-kummenti tal-markers għall-ewwel esej insibu dawn:

- Dan kien l-aktar komponiment li ntgħażel. Ħafna għażlu dan il-komponiment u analizzaw il-mistoqsija b'mod effettiv. Kważi ħadd ma wera li ma jaf xejn dwar din it-tema. Il-kandidati dehru li huma konxji li d-dixxendenti ta' Rużann komplew jibnu fuq il-ħsibijiet u t-twemmin tagħha. Xi wħud semmew l-edukazzjoni bħala l-għodda li wasslet għall-bidla soċjali, b'mod speċjali fejn tidħol l-istima lejn il-mara. F'dan il-komponiment, kien hemm it-tendenza li l-kandidati jargumentaw skont l-ordni tal-karattri.
- Mhux kulħadd qassam l-ideat f'paragrafi.
- Wieħed mid-difetti ewlenin f'diversi tweġibiet hu li nkiteb rakkont mingħajr argumentazzjoni. Ngħidu aħna, diversi kandidati kitbu x'għamel Karmenu, x'għamlet Marija u l-oħrajn ta' warajhom, mingħajr ma argumentaw dwar l-iżvilupp li kien qed iseħħ fis-soċjetà, jiġifieri minn bdiewa sa tabiba u artista. Terminu li spiss kien użat b'mod żbaljat huwa marbut mas-suċċess li bdiet tikseb il-mara tul is-snin (eż. "Ġina hija mara suċċessiva" minflok "ta' suċċess" jew "li kisbet suċċess"). Kien hemm numru mhux ħażin ta' kandidati li għamlu taqsira tar-rumanzett mingħajr m'għamlu referenza għall-edukazzjoni u mingħajr l-ebda rabta bejn Rużann u d-dixxendenti tagħha.
- Mhux darba jew tnejn li xi kandidati ma ddistingwewx bejn "dixxendenti" u "antenati": eż. "Rużann hija dik li mexxiet lill-antenati tagħha"; "Rużann baqgħet tiggwida l-antenati tagħha"; "[Ġina] kienet

tmur Ħad-Dingli u t-tpinġi d-dixxendenti tagħha"; "Insibu d-determinazzjoni u l-għaqal f'Rużann u l-antenati tagħha"; [Din il-ħarsa] "baqgħet fl-antenati tagħha."

- Xi kandidati jibqgħu jippersistu jużaw vokabularju baxx jew informali: eż. [Marija] "ma riditx li tfottilu karriera" (lil Mark Antonin).
- Ħafna kandidati għamlu kitba tajba fejn semmew id-determinazzjoni ta' Rużann u kif din inxterdet mad-dixxendenti tagħha.
- Xi wħud bħala introduzzjoni taw kopja tat-titlu.
- Mhux dejjem ingħataw konklużjonijiet xierqa. Kien hemm min irrepeta dak li qal fl-esej.
- Insibu bosta ideat żbaljati, mgħawġin, jew mhux kompluti, u b'eżempju nsemmu dawn: kien hemm min ħawwad lill-Baruni ż-żgħir ma' Mark Antonin; oħrajn qalu li l-Baruni ż-żgħir ma riedx li Karmenu jibgħat lit-tfal l-iskola; xi wħud analizzaw biss l-episodju tax-Xuxana li esperjenza Karmenu u m'għarfux isemmu l-importanza li huwa ta lill-edukazzjoni; xi wħud ma semmewx ir-rwol li kellu Pietru fit-triq għall-emanċipazzjoni, u lanqas ma għamlu referenza għas-Sebgħa ta' Ġunju; kien hemm min ma semmiex ir-rwol li kellha Ġina bħala l-eqreb punt tal-wasla lejn din il-bidla, jew li Rużann kienet propju dik li tat bidu għall-bidla soċjali meta saret tħobb lil Mark Antonin li kien ġej mill-klassi tan-nobbli, u fuq kollox li marret lil hinn min-normi tas-soċjetà antikwata u riedet trabbi lil Karmenu waħedha sabiex ikun bil-ħila tagħha li tasal fejn tixtieq li tasal; oħrajn qalu li issa (jew minn żmien Ġina u Luċija) f'Malta m'għadx hawn inugwaljanza bejn il-mara u r-raġel, u m'għadx hawn distinzjoni bejn il-klassi għolja u dik baxxa.

2. Fost il-kummenti tal-markers għat-tieni esej insibu dawn:

- Inqas kandidati għażlu dan it-titlu, u ħafna minn dawk li għażluh kitbu fil-qosor u mhux dejjem analizzaw il-mistoqsija b'mod effettiv.
- Ħafna kandidati wieġbu biss parti minn din il-mistoqsija. Oħrajn kellhom nuqqas ta' bilanċ fil-komponiment letterarju għax inkiteb dwar aspett aktar minn ieħor. Il-kandidati jridu jagħtu kas kull parti tal-mistoqsija.
- Kien hemm min beda jitkellem dwar karattri differenti f'iżolament, jiġifieri mhux b'rabta mat-titlu.
- Xi wħud bħala introduzzjoni taw kopja tat-titlu.
- Mhux dejjem ingħataw konklużjonijiet xierqa. Kien hemm min irrepeta dak li qal fl-esej.
- Insemmu xi nuqqasijiet fil-kontenut ta' dawn l-esejs: ħafna injoraw lil Pietru kompletament; uħud ma wrewx b'mod effettiv ir-relazzjoni bejn il-fqir u s-sinjur; xi wħud ħawdu lis-sagristan mal-kappillan; ħafna wrew li jafu biss janalizzaw lill-karattri-dixxendenti u lil Mark Antonin, u ftit li xejn għarfu janalizzaw lill-karattri dgħajfa, li ħafna minnhom huma sekondarji, bħal Wenzu u Lurenz. Dawk li marru tajjeb ħafna analizzaw: (fqir-sinjur) id-distinzjoni soċjali bejn Rużann u Mark Antonin, u bejn Karmenu u l-baruni ż-żgħir; (sod-dgħajjef) il-kuntrast bejn Marija u Wenzu, Marija u s-sagristan, u Karmenu u Lurenz. Dwar Mark-Antonin kien hemm taħlita ta' argumenti jekk huwiex karattru sod jew dgħajjef. Xi wħud semmew li kellu karattru sod għall-fatt li wettaq dak li xtaq sabiex ikisser il-klassijiet soċjali u biegħ l-artijiet ta' missieru lill-bdiewa. Oħrajn argumentaw li Mark-Antonin kien dgħajjef għaliex ħalla lil Rużann ma tiżżewġux.
- It-tqassim ta' ħafna mill-komponimenti kien fl-ordni tal-karattri minflok skont it-temi.

*Żbalji tal-Kitba*

Bosta kandidati tilfu l-marki tal-ortografija u xi marki tal-grammatika. Jidher ħafna n-nuqqas fl-espressjoni, u tidher ħaġa serja li f'dan il-livell il-kandidati għadhom isibuha bi tqila biex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom b'Malti miktub tajjeb.

Fost il-kandidati kien hemm xi wħud li ma nqdewx bil-punteġġjatura u oħrajn li ma ħaddmuhiex tajjeb: eż. ismijiet bla ittri kapitali, "il-quddiem" jew "l'quddiem".

Fost l-iżbalji ortografiċi nsibu: "juża'", "lilhu", "khem", "qbija", "tgħidilnha", "bħal il-ħajja", "tirrapreżenta", "karrateristiċi", "s-saqsi", "iġelek", "magħġla", "atmosphera", "harmonija", "humanita'", "numbru", "thema", "insignifikanti", prepożizzjonijiet ma jingħaqdux mal-artiklu, "lis-skola", "minnhu", "żewġt novelli/poeżiji", "qied", "qiegħdha", "jejdilna", ma jagħmlux differenza bejn "ma'" u "ma", u bejn "minn" u "min", "mportanti", "joqgħodu", "jibqaw", "itfahhieli", "lir-Rużann".

Fost l-iżbalji grammatikali nsibu: "dan l-aħbar", "in-nuqqas kienet", "bdiewi", "din it-tema jidher", "iż-żwieġ tista' tfalli", "karattru b'saħħitha", "ir-rumanz tispiċċa", "fir-rumanzett kollha", "xitani", "frottijiet", "vjaġġ twila", "kliem qosra", "dak it-tbatija", "il-vers tgħin", "ir-rabta hu", "bniedem mgħaġġla", "it-titlu hija", "n-nies sar ikollu", "bħal-demmi", jużaw il-plural "banek" minflok "bankijiet".

Insibu wkoll xi żbalji fil-livell lessikali bħal: "kumditezza", "iddeskrivita", "fqirezza", "ekwalita'", "għerufijha", "soljetarjeta'" (solitudni), "sankristan" (sagristan).

**It-Tieni Karta B**

*Kummenti ġenerali*

Il-markers tat-2B għamlu dawn il-kummenti ġenerali:

1. Ħafna kitbiet kienu batuti u bi żbalji li ma tistenniehomx f'dan il-livell (wara xi għaxar snin ta' edukazzjoni obbligatorja). Għadd kbir ta' kandidati kitbu l-Malti bla ħsieb, kif ġie ġie: niżżlu kelma kif tiġihom f'moħħhom bla ma studjaw kif għandha tinkiteb – kultant issib kelma miktuba b'mod differenti fi spazju ta' ftit linji. Barra minn hekk, bosta kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub. Il-livell tal-Malti fil-Karta 2B għandu jkun livell xieraq għaċ-ĊES: miktub bil-galbu u meqjus.
2. Kien hemm għadd kbir ta' żbalji fid-dettalji letterarji li jirreferu għax-xogħlijiet.
3. Fil-letteratura l-aħjar li jintuża l-Imperfett (eż. "Rużar Briffa jgħid...") u mhux il-Perfett.
4. Kien hemm bosta żbalji tal-ortografija u tal-grammatika, u ħafna kandidati (fil-komponimenti letterarji) tilfu l-marki allottjati għall-*ispelling* u l-grammatika.

*Ir-Referenzi għall-Kuntest*

Fit-taqsimiet tar-referenzi għall-kuntest (Poeżija u Proża), il-kandidati ma kinux ippenalizzati għall-iżbalji ortografiċi u grammatikali. Il-marki mogħtija kienu bbażati fuq l-aspett letterarju.

Fejn jidħlu l-figuri tad-diskors xi wħud mill-kandidati dehru jafuhom tajjeb, filwaqt li t-tagħrif fuq il-versi dehru li ma jafuhx sew. Xi wħud inkludew ineżattezzi bħal dawn li ġejjin, li juru li ma studjawx sew – huma kkwotati mill-iskripts: (*Katrin tal-Imdina*) "is-suldati huma patrijarki", (mistoqsija 5b) "in-nisa jieħdu għalihom meta raġel jew l-għarus iħares lejn mara oħra", "jaqilbuha lil xulxin, għarajjes mal-miżżewġin", "mhux sew li jbusu lil xulxin quddiem kulħadd", "min għadu ma żżewwiġx ma setax ibus, imma l-miżżewġin iva"; (*Firda minn Kelb*) (mistoqsija 4) "Gabriel, Raphael, Michael, Luqa", "Torok, Napuljun, Ġermaniżi, Ingliżi"; (*Bank*) "l-għalliem fis-silta jġegħelna nħobbu l-iskola", "Krazju ġab lill-mara miegħu Malta", (mistoqsija 5a) "Nina kitbitha s-silta".

*L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest – Il-Poeżija*

L-għażla bejn *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u *Quo Vadis* ta' Rużar Briffa kienet waħda bbilanċjata. It-tweġibiet u l-marki li kisbu bosta kandidati jindikaw li l-livell hu baxx ħafna, l-aktar fejn jidħlu l-figuri tad-diskors u l-għamla tal-versi – jiġifieri, qed ngħidu għall-mistoqsijiet (3) u (4). Xi wħud mit-tweġibiet mogħtija juru faqar letterarju kbir.

Silta A

1a Il-kandidati spjegaw il-kuntrast inġenerali bejn iż-żwieġ u l-mewt tal-Ħakem, imma kien hemm min ta dettalji irrelevanti għax ma kinux juru l-kuntrast – u hekk mar lil hemm minn dak li kien mitlub minnu. Ħadd ma wasal għall-kuntrast mill-ġenerali (fit-toroq) għall-partikolari (fid-djar).
1b Kultant il-kandidati kitbu aktar minn vers wieħed, saħansitra kien hemm min kiteb xi versi minn strofi oħra, meta l-mistoqsija kienet (b'mod ċar) marbuta mal-ewwel strofa.

2. Kien hemm xi kandidati li kellhom diffikultà biex isibu l-erba' karatteristiċi, u oħrajn wieġbu b'mod żbaljat għalkollox. Fost it-tweġibiet żbaljati kien hemm dawn: "is-suldati kienu rrabjati"; "iddiżappuntati li tilfu lil

kap tagħhom"; "uħud imxew u oħrajn marru biż-żiemel"; "poter"; "rispett"; "ma jħalluhiex lixxa lil min jagħmlilhom id-deni"; "imbeżżgħin"; "jiġġieldu biex jipproteġu l-Imdina".

3a Ħafna kandidati spjegaw dan il-vers minflok ma taw il-figura tat-taħdit. Fost it-tweġibiet żbaljati kien hemm: "paragun"; "personifikazzjoni"; "metafora"; "ġrew b'kemm kellhom saħħa"; "li riedu jmorru għalihom bil-ġiri"; "it-tielet persuna plural hija l-figura tat-taħdit", "il-biża", "mistoqsija rettorika", "iperbole", "paradoss", "pollisindeto", "enjambment".
3b Bosta kandidati ma kinux jafu kif ifissru l-effett tas-similitudni u minflok spiċċaw jirrakkuntaw partijiet mill-poeżija. Fost it-tweġibiet li taw insibu: "il-qarrej jista' jimmaġina aktar"; "jiddeskrivi s-sitwazzjoni aħjar"; "isebbaħ il-poeżija"; "xħin ir-raħħala semgħu bil-mewt ta' żewġha marru jagħtuha l-għajnuna"; "effett ta' azzjoni li qiegħda ssir bħala ġlieda"; "effett ta' tensjoni".

4a Kienu ħafna li ħallewha barra u oħrajn ġabuha ħażina bi tweġibiet bħal: "Il-vers li qed iħaddem il-poeta f'din is-silta hi li l-għaġla tan-nies għaddejjin", "qed iħaddem versi antiki", "dika tbus lir-raġel tagħha u l-oħra tgħannaq"; "versi qosra u indaqs"; "vers kwadrilitteru"; "ritmu mgħaġġel"; "versi ħielsa"; "rima mbewsa"; "il-versi fihom sens ta' ferħ fl-ewwel biċċa u sens ta' niket fl-aħħar biċċa"; "dwejjaq u passjoni"; "forma ta' għanja"; "Il-poeta qed iħaddem vers billi l-ħin kollu jiddeskrivi x'inhu jiġri b'ċertu dettall".
4b Ħadd ma ġabha tajba u kien hemm min ħallieha barra; xi kandidati spiċċaw jirrakkuntaw il-ġrajja. Fost it-tweġibiet żbaljati kien hemm: "sens ta' niket"; "rabta kbira bejn it-tema u l-versi"; "kollha jħallu lill-qarrej anzjuż"; "rabta tradizzjonali għax it-tema tal-poeżija hija ta' żmien ilu"; "In-nisa tilfu lill-maħbubin tagħhom"; "In-nies kienu konfużi, panikużi, u mnikkta"; "Il-vers u t-tema huma tad-dwejjaq"; "Il-vers minn qasir spiċċa twil"; "In-niket ta' Katrin minħabba t-telfa tal-Kaptan tas-suldati".

5a Il-maġġoranza wiġbuha tajjeb din mistoqsija.
5b Xi wħud mill-kandidati għarfu l-kunċetti ta' mħabba u biża', iżda oħrajn taw tweġibiet bħal: "In-nisa jistgħu jbusu lil żwieġhom għax miżżewġin iżda l-għarajjes jgħannquhom biss għax ma jistgħux ibusuhom"; "M'hemmx garanzija li ġejjin lura"; "Qed jagħmlu hekk biex jimpressjonaw"; "Idea ta' konfort biex jgħidu li kollox orrajt u dan hu uġigħ li jgħaddi bil-mod".

Silta B

1 Bosta kandidati nnutaw is-solitudni u l-kunċett taż-żmien. Imma nsibu wkoll tweġibiet bħal: "Il-ħarruba qed tinkwieta fuq il-ħajja tan-nies"; "Hemm differenza bejn il-mod kif qed tgħix hi u l-mod kif qed jgħixu n-nies ta' madwarha"; "Il-ħarruba rat is-soċjetà tinbidel".

2 Xi wħud kitbu l-ħsieb tal-poeżija sħiħa. Fost tweġibiet oħra kien hemm: "Il-ħarruba tosserva l-bnedmin tal-lum u l-ħajja mgħaġġla tagħhom"; "Is-siġra kibret fuq l-għolja għax minn fuqha tista' tara kollox"; "Il-ħarruba mhix mgħaġġla bħan-nies allura qiegħda weħidha"; "Tinsab weħidha 'l bogħod mill-ħarrub"; "Il-ħarruba tinsab soda għax imdawra bil-ġebel"; "Is-siġra mhix għal qalbha fejn qiegħda"; "Il-ħarruba tinsab imwarrba mis-soċjetà fejn għexet tul ħajjitha"; "Ħadd ma jersaq lejha għax perikoluż"; "Il-ħarruba qiegħda maqtugħa għaliha".

3a Xi wħud identifikaw il-figura tat-taħdit u spjegawha hawnhekk (meta suppost kellhom jispjegawha fit-3b). Fost it-tweġibiet li ngħataw kien hemm dawn: "Il-wied kien mimli kollu ħaxix"; "Il-qalb hija ċ-ċentru tal-wied b'kulur ħadrani"; "il-figura tad-diskors li qed iħaddem il-poeta huwa li hija dejjem waħeda u in-nies joboduwa", "Il-poeta qed jiddeskrivi l-affarijiet li hemm madwarha", "solitudni", "figura diskussiva", "diskors ta' rabja", "diskors dirett", "hija waħda metrika", "paradoss", "similitudni".
3b Ħafna kandidati ma kinux jafu jfissru l-figura tat-taħdit. Fost it-tweġibiet li ngħataw insibu: "Iġiegħel lin-nies jaħsbu u jirriflettu"; "Il-ħarruba tinsab f'qalb il-wied ħadrani"; "Il-poeta qed iqabbel il-qalb tal-wied mal-weraq ħodor tal-ħarruba"; "L-effett kreattiv tal-poeta"; "Tħalli effett fejn in-natura hija trankwilla"; "Il-ħarruba hija ċ-ċentru u tara dak kollu li nagħmlu"; "Jikkalma r-ritmu tal-poeżija"; "Il-ħarruba qiegħda fil-wied weħidha"; "Joħloq sens ta' paċi"; "Għalkemm il-ħarruba kienet tgħix weħidha xorta kienet imdawra bi ħdura".

4a Il-maġġoranza kienu kapaċi jispjegaw il-vers iżda kien hemm min qabad jispjega l-kontenut tal-poeżija. Uħud ħasbu li kellhom jikkwotaw dak il-vers li jispjega l-ħsieb tal-poeta u kitbu "il-għaġla tan-nies

għaddejjin". Fost it-tweġibiet għal din il-mistoqsija nsibu: "In-nies għaddejjin bla waqfien u l-ħarruba qiegħda tarahom"; "Huma ma japprezzawx in-natura ta' madwarhom"; "Il-vers imħaddem fuq il-ħarruba li qed tara kif qed jgħixu n-nies fil-ħajja tagħhom"; "Il-vers li l-poeta jħaddem f'din is-silta huwa 'ix-xwejħa ħarruba' għaliex iffoka ħafna fuq il-fatt li kienet tgħix weħidha, imbiegħda mill-bqija tal-ħlejjaq l-oħra iżda fis-skiet tosserva lin-nies". Kien hemm min kiteb ukoll li Briffa kiteb "poeżija ħielsa".
4b Ħafna wieġbu tajjeb għax it-tweġiba kienet toqrob lejn il-ħsieb tal-poeżija. Imma kien hemm ukoll min ta tweġibiet bħal: "Kull vers jaqbel ma' ta' taħtu"; "Joħloq ritmu kalm fejn iġiegħel lill-qarrej iħoss ir-ritmu kwiet li għaddej fil-poeżija"; "Il-poeżija hija narrattiva sabiex jiddeskrivi iżjed il-poeżija fil-fond"; "Hija poeżija klassika u jikkrea ritmu moderat biex juri li għandha ż-żmien il-ħarruba"; "Rabta ta' għaġla u dwejjaq"; "Il-ħarruba ma kellhiex għażla ħlief li tgħix fil-post li fih ġiet miżrugħa u tqatta' ħajjitha tosserva minn hemmhekk".

5a Kien hemm min ġabha ħażina.
5b Għalkemm uħud żbaljaw fl-għażla tat-tweġiba ta' qabel, wieġbu b'mod tajjeb għat-tieni parti għax it-tweġiba tagħha kienet marbuta mal-ħsieb ewlieni u nqdew bi kliem muftieħ (fit-tweġibiet tagħhom) bħal solitudni, aljenazzjoni, u ħajja mgħaġġla.

*It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest – Il-Proża*

L-għażla bejn *Firda minn Kelb* ta' Ġużè Ellul Mercer u *Bank* ta' Frans Sammut kienet ukoll waħda bbilanċjata. It-tweġibiet u l-marki li kisbu l-kandidati jindikaw li fil-proża marru ftit aħjar. Imma anki hawnhekk, ħafna kandidati sabu l-mistoqsijiet marbutin mal-figuri tad-diskors (5 – *Firda minn Kelb* u 3 – *Bank*) diffiċli.

Silta A

1a Bosta kandidati ma tawx tweġiba sħiħa – jiġifieri, naqsu li jgħidu li ried jinfired mill-kelb biex ma jarahx ibati. Oħrajn taw interpretazzjoni personali bħal, pereżempju, "Irid jinfired mill-kelb biex ma jħossux iktar ħażin u mbikkem"; "Irid jinfired mill-kelb għax iħobbu daqs ibnu u ma jixtieqx jarah imut" – id-dettalji ta' dawn it-tweġibiet ma jidhrux fin-novella.
1b Bosta weġbuha tajba.

2 Ħafna kandidati identifikaw b'mod tajjeb it-tliet espressjonijiet mitluba minnhom.

3 Ħafna ma waslux għat-tweġiba "Isservi ta' refuġju għan-narratur".

4 Bosta kandidati semmew xi karatteristiċi imma ħallew oħrajn barra. Kandidati oħra taw tweġibiet li ma kinux relatati bħal "Skarpan li qallu biex jisparalu"; "il-mastrudaxxa li qallu f'liema sura qiegħed il-kelb"; "il-pulizija u tnejn oħra li wieħed minnhom qallu li l-pulizija ma jżommux l-kelb waqt li l-ieħor qallu li l-għassa hemm surġent"; "Jipprova jeħles mix-xogħol".

5a Bosta tweġibiet kienu: "paradoss", "similitudni", "iperbole".
5b Dawk li wieġbu għal mistoqsija ta' qabel b'mod żbaljat, wieġbu ħażin għal din ukoll. Fost it-tweġibiet insibu hekk: EWFEMIŻMU – "Jużaha biex juri kemm ried jeħles mill-kelb"; "Qiegħed idaħħalna aktar fin-novella"; "Biex ifittex jeħles minnu malajr"; "Juri l-għaġla tan-narratur biex joqtol il-kelb"; IPERBOLE – "Irid jagħmel emfasi fuq il-fatt li l-kelb ġie infettat"; "Jużaha b'rispett lejn il-kelb"; PARADOSS – "Jużaha biex jeħles ta' malajr"; "Is-sid ma jridx ineħħi l-kelb tiegħu iżda ried iqatta' ħin miegħu kemm jista'"; "Sabiex ma jħallix aktar żmien jgħaddi u minħabba f'hekk ibati l-kelb"; "Għaliex hija kelma tad-dwejjaq"; "Juża din il-figura biex jesaġera"; "Hija xi ħaġa kbira li tneħħi l-kelb"; SIMILITUDNI – "Biex iqabbel"; "Juri l-vojt li se jħoss hekk kif 'ineħħih'"; "Il-qarrej jitħassru u jħoss għalih, hekk kif hija xi ħaġa diffiċli fejn in-narratur se jitlef ħabib u se jispiċċa waħdu"; "Biex ma jarax il-kelb imut quddiemu"; "Jużaha għax ma jridx 'ineħħih' fil-veru sens tal-kelma". Kien hemm ukoll min irrefera għall-figura tad-diskors bħala "metrika"**.**

Silta B

1a Bosta wiġbuha tajjeb din il-mistoqsija.

1b Kien hemm min ma kkwotax tlieta. Fost il-kwotazzjonijiet żbaljati kien hemm: "b'ħarsa sielma fuq wiċċu"; "b'seba' għajnejn attent għal-lezzjoni".

2 Ħafna taw żewġ espressjonijiet imma ftit taw tlieta. Fost il-kwotazzjonijiet żbaljati kien hemm: "ferħan se jtir"; "deher imleffef bl-isbaħ ilbies"; "qiegħed il-pala t'idu fuqu"; "messu bil-ħlewwa"; "ltewa jonfoħ fuq roqgħa li lemaħ"; "Krazju qam minn qagħdtu u mar idur mar-ringieli tal-bankijiet"; "b'ħarsa sielma fuq wiċċu".

3a Insibu tweġibiet bħal: "metafora", "personifikazzjoni", "iperbole", "narrattiva", "moderna".
3b Intilfu ħafna marki għax bosta kandidati ma kinux kapaċi jfissru l-effett tal-figura tat-taħdit. Fost it-tweġibiet żbaljati nsibu: "Qed jikkompeti ma' anġlu ta' veru"; "Kien salvatur għall-istudenti"; "Ixebbhu ma' anġlu"; "Sens sentimentali kbir minħabba li fuq dak il-bank iltaqa' ma' martu"; "Qisu xi qaddis, anġlu bla dnub bħal tifel żgħir b'ferħ li ġej mill-qalb"; "Joħloq effett li Krazju huwa perfett"; "Il-bank qed ifakkru fil-memorja ta' bejnu u ta' bejn Nina – l-imħabba li kellhom lejn xulxin"; "L-awtur jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej li Krazju kien se jagħmel xi ħaġa kbira".

4 Kien hemm min identifika xi karatteristiċi imma mhux kollox. Oħrajn semmew xi karatteristiċi li jinsabu fil-bqija tan-novella imma mhux f'din is-silta (kif talbet il-mistoqsija).

5a Ħafna żbaljaw f'din il-mistoqsija.
5b U anki hawnhekk, ħafna wieġbu ħażin. Fost it-tweġibiet insibu: "Iħalli effett ta' empatija lejn Krazju"; "Jagħmel biċċa xogħol tajba ħafna u li pjana ż-żjara ta' Krazju b'mod tajjeb"; "Ħalla effett kbir fuq Krazju li jieħu l-bank ta' fejn kien hemm ismu u isem Nina u ġablu bankijiet ġodda fejn ferraħ ħafna nies bihom"; "Il-qarrej iħossu kuntent li Krazju ħa r-rikordju tant għażiż għalih u l-iskola ħadet bankijiet ġodda"; "L-għalliem kien jaf lil Krazju mill-viċin u seta' jintroduċih mal-bank favorit tiegħu"; "Dak li nafu fuq Krazju u Nina hu mill-perspettiva limitata tat-tfal tal-iskola u b'hekk iħalli effett ta' misteru".

*Il-komponimenti letterarji*

B'mod ġenerali ngħidu li l-kandidati aktar marru tajjeb fil-komponimenti letterarji milli fir-referenzi għall-kuntest – forsi għax fil-komponimenti jkun hemm aktar tagħlim bl-amment. Kien hemm xi wħud li kellhom xogħol tassew tajjeb u dawn setgħu marru għall-Karta 2A; saħansitra kien hemm min minnhom fassal pjan qabel beda l-komponiment, u xogħlu deher tajjeb ħafna.

Ftit kienu dawk il-kandidati li qabżu bil-bosta l-ammont ta' 200 kelma. Imma ħafna oħrajn ma żammewx mat-tul meħtieġ għax kitbu inqas minn 200 kelma fil-komponimenti letterarji. Mitejn kelma huwa t-tul meħtieġ meta t-tfal ta' 11-il sena jintalbu jiktbu komponiment għall-eżami tal-Form 1 (Sekondarja). Ikun hemm ukoll min jipprova jinganna u jikteb in-numru tal-kliem wara l-esej – imbagħad meta l-marker jiċċekkja l-għadd tal-kliem fl-esej isib li dak in-numru mniżżel ikun esaġerat. Il-kandidati għandhom dejjem jiktbu l-għadd ta' kliem li jużaw f'esej – u dak l-għadd irid ikun korrett għax il-markers jiċċekkjawh.

Kien hemm bosta komponimenti letterarji li kienu superfiċjali fis-sens li l-kandidati qabdu u taw parafrasi tax-xogħlijiet (i.e. irrakkontaw fuqiex inhu x-xogħol) bla ma taw kas x'titlob il-mistoqsija magħżula. B'hekk tbegħdu mill-għan tal-mistoqsija, għax taw parafrasi bla kummenti u wrew li ma jafux jagħmlu kritika letterarja sempliċi. Irid ikun hemm argumenti relevanti u xi narrazzjoni biex tgħin l-argumentazzjoni.

Tajjeb li ntennu li l-kitba tal-komponiment letterarju titlob it-tqassim tal-ideat f'paragrafi li jinkludi l-introduzzjoni (skont is-suġġett tal-mistoqsija), l-iżvilupp relevanti tal-argumenti (fuq is-suġġett tal-mistoqsija), u l-konklużjoni xierqa għal dawk l-argumenti. Għaldaqstant, dawk il-kandidati li kitbu kollox f'paragrafu wieħed tilfu l-marki; anki dawk li ma taw ebda introduzzjoni u/jew konklużjoni tilfu l-marki – dawn urew li ma kinux imħarrġa fil-kitba tal-esejs. Inżidu ngħidu wkoll li hija ħaġa essenzjali li f'komponiment l-ideat jintisġu b'mod magħqud u sħiħ; jiġifieri, l-esej irid ikollu l-koerenza u l-koeżjoni. U dan isir billi l-ideat (u anki l-paragrafi) jintrabtu ma' xulxin b'mod ċar; għaldaqstant meta wieħed jikteb lista ta' ideat li ma jintrabtux flimkien, ma jkunx qed jikteb komponiment u għalhekk jintilfu l-marki.

Kultant il-markers iltaqgħu ma’ każijiet ta’ komponimenti ġenerali minflok komponimenti letterarji. Pereżempju, għat-tieni mistoqsija tar-raba’ taqsima kien hemm min tkellem fuq x’jiġifieri tkun sinjur u x’jiġifieri tkun fqir bla ma għamel ebda referenza u ma ta ebda eżempji mir-rumanzett. Dan il-fattur wera nuqqas ta’ għarfien tax-xogħol studjat u għaldaqstant intilfu bosta marki. Huwa importanti li nemfasizzaw li wkoll fil-Karta 2B iridu jissemmew l-ismijiet tal-kittieba u tax-xogħlijiet sabiex il-kandidati jagħtu prova ta’ studju xieraq; u dawn l-ismijiet iridu jinkitbu mingħajr żbalji (speċjalment meta l-ismijiet ikunu qed jidhru fil-karta tal-eżami bħala parti mill-mistoqsija għax inkella juru li lanqas jikkupjaw ma jafu). Kien hemm ukoll min ħawwad ix-xogħlijiet ma’ xulxin u gerfex l-ismijiet tal-kittieba; oħrajn inqdew bit-termini “l-poeta” jew “il-kittieb” u “l-poeżija” jew “is-silta” bla ma semmew l-ismijiet tagħhom: dawn ukoll urew nuqqas ta’ għarfien xieraq.

Dawk il-kandidati li kitbu esejs tajbin inqdew bir-referenzi għax-xogħlijiet letterarji b’mod xieraq, fis-sens li użaw kwotazzjonijiet f’waqithom jew taw xi referenzi fi kliemhom b’mod korrett biex isaħħu l-argumenti li kienu qed jiżviluppaw.

Il-markers ġabru xi materjal mill-iskripts li juri nuqqas ta’ studju xieraq.

Għall-komponimenti tat-tielet taqsima nsibu: (*Jum San Valentin*) “kienu jistaħbew biex jinħabbu”, “kienu jinħabbu fil-kappella”, “hi trid toqtlu talli daħak biha”, “ir-raġel tagħha mar ma’ raġel ieħor”, “F’dak il-jum preċiż jerġgħu jsiru jħobbu lil xulxin”, “r-raġel irid biss li l-mara tiegħu tagħmel l-affarijiet li jrid hu”, “Ir-raġel ta’ Maria jmur għall-gwerra u jmut u tispiċċa mingħajr raġel”; (*Ċensina*) “id-deputat moħħu biss fin-nisa”, “is-Sindku mar iżurha” (oħrajn qalu li l-politiku kien “maġistrat” jew “ministru”); (*Il-Koranta*) “il-Koranta bdiet tara lil kulħadd minn ġot-tieqa tal-limużin”, “baqgħet eskluduta mis-soċjetà”, “il-mara tat-tined / jiġi l-pustier għaliha / ir-raġel tal-Koranta jmut u tgħix waħedha”, “hija mara abormali u kerha”; (*Niftakar*) “l-għada l-poeta mar għall-gwerra u miet”.

Kien hemm min irrefera għall-poeżiji ta’ Anton Buttigieg u Maria Grech Ganado bħala “novelli”. Għadd ta’ kandidati qalu li t-tema tal-poeżija ta’ Maria Grech Ganado hija “moderna”. Oħrajn qalu li hemm “volta” f’*Niftakar*.

Għal *Il-Ħarsa ta’ Rużann* kien hemm min ħawwad l-ismijiet tal-karattri dixxendenti ta’ Rużann; oħrajn qalu li l-ġrajja ta’ Rużann seħħet fi żmien il-Kavallieri, u li Mark Antonin kellu relazzjoni ma’ Marija, jew li ħu Mark Antonin iżżewweġ lil Marija u kellu t-tfal, jew li Mark Antonin u Rużann iżżewġu u kellhom ħafna tfal. Nisiltu xi siltiet mill-iskripts tal-kandidati nnifishom biex nuru kemm ma jkunux studjaw jew qraw ir-rumanzett: “*Il-Ħarsa ta’ Rużann* huwa poeżija, jew novella”; “Rużann dejjem iġġorr il-bandiera Maltija warajha u qatt ma tkellmet b’lingwa oħra”. Kultant ikun hemm interpretazzjoni bla studju: “Rużann tirrappreżenta lil Malta Għarbija biss”; “Palazz Anglossasos” (minflok “De los Ingallos”).

*L-iżbalji u n-nuqqasijiet komuni*

Diġà tkellimna fuq l-ineżattezzi u t-tfixkil tal-ismijiet tal-kittieba u x-xogħlijiet. Għal xi wħud mill-kandidati, il-kittieba huma kollha “poeti” u x-xogħlijiet huma kollha “poeżiji”. Bosta huma dawk li x-xogħlijiet ma jagħmluhomx fl-*inverted commas*, imma mbagħad issib oħrajn li jiktbu isem il-kittieb fl-*inverted commas*. Niltaqgħu ma’ żbalji elementari fuq il-versi bħal meta xi kandidati jsejħulhom “versi maqsumin”, “versi mħawda”, jew “versi mdaqqsa”; jew jiktbu xi ħaġa bħal “il-versi mhumiex sillabi”, “il-poeta qed juża strofi f’paragrafi”. Insibu wkoll nuqqasijiet bħal: “Il-kittieb ta’ din il-proża meta kiteb din il-poeżija”, “id-differenzi jidhru kemxejn differenti minn xulxin”; u anki kliem mhux xieraq użat fil-komponimenti.

Insibu l-iżbalji tas-soltu fejn tidħol l-“għ” u anki fejn idaħħlu l-“għ” meta ma jkunx hemm bżonnha. Insibu wkoll żbalji bħal “il-poeta kienet”, “żewġu” minflok “il-mara”, “anomatomija” għal “onomatopea”, “gawdiża” minflok “tgawdija”, “bżuljuża” minflok “bieżla”, “destaklu” minflok “ostaklu”, “jikkontinwaw” minflok “ikomplu”, “horribbli” minflok “orribbli”, “komparizzjoni” minflok “xebh”, “vjolenzużi” minflok “vjolenti”, “emotionament” minflok “emozzjonalment”, “tiċċ” minflok “tieġ”,  “storjiet” minflok “stejjer”.

Biex nuru l-livell baxx fil-kitba tal-komponimenti letterarji ħa nagħtu ftit aktar kummenti tal-markers.

*It-Tielet Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Bejn Ħaltejn*, barra* Il-Ħarsa ta’ Rużann*)*

1. Fost il-kummenti tal-markers għal dan l-ewwel esej insibu dawn:
    - Xi kandidati ma semmewx id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-karattri prinċipali.
    - Kitba bla eżempji konkreti min-novelli.
    - Xi kandidati spiċċaw jirrakkuntaw partijiet min-novelli li kienu irrelevanti għas-suġġett.
    - L-ammont ta' kliem mitlub mhux dejjem kien milħuq mill-kandidati b'riżultat li tilfu l-marki.
    - Il-maġġoranza tal-kandidati ma kinux jafu x'inhi d-differenza bejn novella u poeżija.
    - L-introduzzjoni ta' xi wħud kienet kopja tal-mistoqsija mogħtija fil-karta: dawn urew li ma jafux jiktbu introduzzjoni argumentattiva fuq is-suġġett tal-esklużjoni soċjali.
    - F'xi esejs, l-iżvilupp kien mimli repetizzjonijiet u l-paragrafi naqsu milli janalizzaw ix-xogħlijiet letterarji.
    - Xi kandidati ma kinux jafu kif jikkonkludu, tant li wħud ħallew din il-parti barra jew kitbu xi sentenza sfurzata. Oħrajn reġgħu rrepetew argumenti li qajmu fl-iżvilupp b'repetizzjoni sħiħa.
    - Diversi fatti żbaljati nstabu fil-kitbiet letterarji, li juri li xi kandidati m'għandhomx għarfien sħiħ tax-xogħol letterarju. Pereżempju, kien hemm min kiteb hekk: (Il-Koranta) "Il-ħbieb tal-Koranta huma s-santi mifruxin madwar darha"; "Il-Koranta kienet mara kerha u ma kellhiex ħbieb ħlief wieħed li kien jgħix ħdejha u kien isewwi l-ħofor"; (Ċensina) "Ċensina ma ħallitux jitkellem u jgħid ir-rutina tas-soltu li jkollu jgħid"; "Ċensina kienet armla"; "Lino Spiteri kien mar għand Ċensina biex jara x'kellha bżonn".
    - Ċerti ideat siewja ma ssemmewx jew rari ssemmew fil-kitbiet tal-kandidati; ideat siewja bħal dawn: il-karattru magħluq u introvert tal-Koranta li kien iżommha lura milli tintegra jew milli tieqaf lil min kien ta' ostaklu għaliha; il-moħħ magħluq tas-soċjetà li tinfexx tgħajjar u tkisser lil dawk li ħajjithom tkun differenti min-norma; Oliver Friggieri jikxef l-isterjotip tas-soċjetà Maltija li tgħaffeġ lill-batut minflok toffrilu l-id ta' għajnuna; għadd ta' inġustizzji soċjali żammew lil Ċensina milli jkollha ħajja deċenti fosthom faqar ikkaġunat min-nuqqas fil-pensjoni; in-nuqqas ta' għajnuna li jsibu nies illitterati li ma jistgħux jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom; l-abbuż verbali u fiżiku moħbi meta l-individwu jgħix f'iżolament sħiħ bħal Ċensina.
    - Kien hemm xi kandidati li ħawdu l-idea ta' solitudni mat-terminu letterarju 'similitudni'; imma kien hemm min fisser ruħu tajjeb bħal dak il-kandidat li tkellem fuq "L-ilsien ħażin tan-nies li lest li jgħaffġek".

2. Fost il-kummenti tal-markers għat-tieni esej insibu dawn:
    - Ħafna kandidati taw taqsira tal-poeżiji.
    - Xi kandidati tfixklu biex jagħżlu bejn poeta u poetessa.
    - F'xi każijiet, ir-referenza għall-poetessa ma saritx b'kunjomha (wara l-ewwel referenza għaliha).
    - Bosta kandidati ma jafux kif jiktbu komponiment letterarju bħala analiżi ta' aspett partikolari, imma jaqbdu jiktbu dak kollu li jkunu jafu, anki jekk ma jkunx relatat mas-suġġett tal-mistoqsija.
    - Xi kandidati ntilfu jiktbu dettalji fuq it-tieġ u l-funeral tal-poeta (f'*Niftakar*) minflok ma analizzaw ir-relazzjoni soda bejn il-karattri u l-lealtà tar-raġel anki wara mewt martu.
    - Fil-poeżija ta' Maria Grech Ganado xi kandidati ma ttrattawx l-insensittività tar-raġel lejn martu, imma ntilfu jiddeskrivu jum il-maħbubin, ir-rabja tal-poetessa, il-kartolina, u l-kuluri tagħha. Żiedu xi dettalji li jmorru lil hemm mill-versi.
    - Deher ukoll in-nuqqas ta' studju ta' dawn il-poeżiji għax kien hemm bosta li rreferew għall-*Katrin tal-Imdina* minflok għal *Niftakar*, u użaw kwotazzjonijiet mir-referenza għall-kuntest tal-ewwel taqsima.
    - Diversi fatti żbaljati fir-referenza għax-xogħlijiet ikomplu jikxfu n-nuqqas ta' studju xieraq: eż. "Koppja li kellha żmien diffiċli u r-raġel għamel affarijiet ħżiena lejn it-tifla tiegħu."
    - Id-diversi interpretazzjonijiet li jinsabu fuq il-*Youtube* kienu jidhru fil-kitba ta' xi kandidati, imma xi wħud minnhom ma għarfux ifissru l-interpretazzjonijiet b'rabta mas-suġġett tal-mistoqsija.
    - Ħafna ideat inkitbu bl-addoċċ mingħajr sens ta' kronoloġija jew organizzazzjoni. Ħafna kandidati ma qassmux l-ideat f'paragrafi.
    - Kien hemm għadd ta' komponimenti li ħarġu 'l barra mis-suġġett u oħrajn li tkellmu b'mod inġenerali bla referenza għax-xogħlijiet.
    - Għall-introduzzjoni xi wħud ikkupjaw il-kliem tal-mistoqsija. L-iżvilupp tal-ideat imbagħad kien nieqes minn kwotazzjonijiet li juru r-realtà tar-relazzjoni. F'xi każi l-kandidati ħawdu l-poeżiji tas-

suġġett ma' xogħlijiet oħra. Għall-konklużjoni xi kandidati reġgħu semmew aspetti mill-iżvilupp mingħajr ma kkonkludew b'mod xieraq.

*Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)*

1. Fost il-kummenti tal-markers għal dan l-ewwel esej insibu dawn:
   - Għadd ta' kandidati naqsu milli jsemmu d-dixxendenti ta' Rużann u kif Rużann żammet l-attenzjoni tagħha fuqhom.
   - L-edukazzjoni u l-kuraġġ li nisslet f'niesha kienu nnutati kemm-il darba fil-kitbiet.
   - Ftit kienu l-kandidati li semmew il-limitazzjoni taż-żmien li kellha Rużann biex tibdel il-mentalità.
   - Ir-repetizzjoni tal-istess argumenti kompliet tikxef lill-kandidati li m'għandhomx għarfien xieraq tar-rumanzett.
   - Għadd ta' kandidati spiċċaw jirrakkuntaw partijiet mir-rumanzett li jmorru lil hemm mis-suġġett tal-mistoqsija.
   - Bosta naqsu milli jiżviluppaw l-importanza ta' Karmenu bħala dak il-wild li kellu moħħu mdawwal minn missieru u ommu stess.
   - Uħud spiċċaw jirrakkuntaw mingħajr ma spjegaw l-importanza tal-ġrajjiet.
   - Xi kandidati kitbu tajjeb il-lista ta' dixxendenti, imma oħrajn ħawdu l-ismijiet.

2. Fost il-kummenti tal-markers għat-tieni esej insibu dawn:
   - Bosta kandidati naqsu milli jsemmu d-differenzi kollha bejn l-għonja u l-fqar.
   - Ħafna semmew il-klassi l-għolja li kienet tappartjeni għall-familja de los Ingallos u l-klassi l-baxxa rrappreżentata minn Rużann u l-familja tagħha imma ftit iddiskutew id-differenzi bejniethom.
   - Xi wħud kitbu komponimenti ġenerali fuq is-sinjuri u l-fqar u wrew nuqqas ta' għarfien tar-rumanzett. Kitbu fatti li m'hemmx referenza għalihom fir-rumanzett: pereżempju, qalu li "Il-fqar bilkemm kellhom fejn jorqdu, hekk kif ħafna drabi kienu jorqdu barra." "Hemm min biex jiekol xi ħaġa kien isibha mal-art daqs kemm kienu fqar."
   - Il-kitbiet kienu estremi fil-livell tagħhom: jew tajbin b'għadd ta' differenzi msemmija jew kompletament 'il barra mis-suġġett u qosra ħafna.
   - Ġew innutati għadd ta' fatti żbaljati/fittizji speċjalment fl-ismijiet tal-karattri u l-kronoloġija taż-żminijiet li għexu fihom. Xi kandidati kitbu ideat li jmorru kontra t-tema ta' Ebejer.
   - Eżempji ta' introduzzjonijiet skorretti/ambigwi: "Fir-rumanzett insibu ħafna persunaġġi bi stili differenti fosthom is-sinjuri u l-fqar." "Sinjur u fqir, hemm ħafna affarijiet li dawn il-persuni għandhom differenti. Is-sinjur jista' jagħmel affarijiet li l-fqir ma jistax jagħmel, imma jista' jkun li l-fqir huwa kapaċi jagħmel affarijiet li s-sinjur ma jafx jagħmel." "Iż-żmien ta' Mark-Antonin u l-maħbuba tiegħu Rużann kien żmien differenti ħafna għaliex dak iż-żmien il-klassijiet soċjali kienu ferm importanti faqar u sinjuri qatt ma kienu jaqgħu flimkien."
   - Kultant xi kandidati minflok ma tkellmu fuq id-differenzi emfasizzaw il-progress.
   - Kien hemm għadd ta' komponimenti li ddiskutew ir-relazzjoni bejn Rużann u Mark-Antonin biss.

**Konklużjoni Ġenerali**

Il-konklużjoni ġenerali tas-sena l-oħra tgħodd sħiħa għal hawn. Ħafna min-nuqqasijiet u l-iżbalji qed ikunu l-istess minn sena għal oħra.

**Nota fuq il-Malti tajjeb**

Il-karta tal-eżami lill-kandidati tgħidilhom biex jiktbu b'Malti tajjeb u idjomatiku. B'Malti tajjeb irridu nifhmu kitba bla żbalji esaġerati, bi kliem xieraq u mhux imqassar għalxejn, b'espressjonijiet bil-galbu, u bi stil mirqum – niġbru dan kollu fl-espressjoni "Malti meqjus". B'Malti idjomatiku nifhmu: lingwa li tinqeda b'elementi konvenzjonali u istituzzjonalizzati, bħall-idjomi u l-qwiel; elementi integrati ma' lingwa naturali u komda li nsibu fil-Malti ordinarju li juża fatturi grammatikali u semantiċi tajbin, bħall-użu ta' prepożizzjonijiet xierqa mal-verbi u l-użu korrett tal-forom tal-verbi. Il-Malti meqjus iħaddan fih ukoll l-użu pertinenti tal-kliem Ingliż li daħal fil-Malti.

Malti tajjeb għal dan l-eżami ma jinqediex bil-Malti tal-*Facebook* u bil-Malti informali u kollokjali jew bil-Malti baxx u vulgari: dawn xejn mhuma xierqa għal dan l-eżami.

*Iċ-Chairman*
*Bord tal-Eżaminaturi 2016*